IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.10.2019
COM(2019) 444 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

It-30 rapport annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-ġlieda kontra l-frodi (2018)

{SWD(2019) 361 final} - {SWD(2019) 362 final} - {SWD(2019) 363 final} - {SWD(2019) 364 final} - {SWD(2019) 365 final}

MT MT

WERREJ

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL
It-30 rapport annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea u l-ġlieda kontra l-frodi (2018)

1. INTRODUZZJONI 6

1.1. L-ewwel deċennju (1989-1998): bini tal-pedamenti 6

1.2. It-tieni deċennju (1999-2008): tkabbir, konsolidazzjoni u riformi operazzjonali 7

1.3. It-tielet deċennju (2009-2018): Riformi u qabża ġdida 'l quddiem 9

2. L-ARMONIZZAZZJONI U T-TISĦIĦ TAL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI FL-UE: POLITIKI TRAŻVERSALI, MIŻURI U RIŻULTATI TAL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI FL-2018 10

2.1. Atti leġiżlattivi adottati mill-istituzzjonijiet tal-UE 10
2.1.1. Regolament li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE: il-qagħda attwali 10
2.1.2. Ir-Regolament Omnibus 11

2.2. Infasslu l-ġejjieni: l-inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika tal-istituzzjonijiet Ewropej 11
2.2.1. Proposta tal-Kummissjoni sabiex jiġi rivedut ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 11
2.2.2. Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri 12
2.2.3. Dispożizzjonijiet trażversali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (dispożizzjonijiet PIF) fi ħdan il-proposti kollha tal-Kummissjoni għall-QFP 12
2.2.4. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE 12
2.2.5. Kooperazzjoni internazzjonali 12
2.2.6. L-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi (CAFS) u l-pakkett il-ġdid ta' governanza 12
2.2.7. Implimentazzjoni tal-programm Hercule 13

2.3. Il-ġurisprudenza tal-QĠUE 13
2.3.1. Sigma Orionis vs il-Kummissjoni 13
2.3.2. Ġurisprudenza relatata mal-EDES 13

2.4. Miżuri meħuda mill-Istati Membri 14
2.4.1. Ħarsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri 14
2.4.1.1. L-istrateġiji nazzjonali kontra l-frodi (NAFS) 14
2.4.1.2. It-tisħiħ tat-trasparenza, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interessi fl-akkwist pubbliku 14
2.4.1.3. Miżuri oħrajn 14
2.4.2. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2017 15

2.5. Sommarju tal-istatistiki dwar l-irregolaritajiet u l-frodi identifikati 16
2.5.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati 17
2.5.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati u rrapportati 18
2.5.3. Investigazzjonijiet tal-OLAF 19

3. POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI KONTRA L-FRODI — DĦUL 19

3.1. Miżuri kontra l-frodi tal-Istituzzjonijiet tal-UE – Dħul 19
3.1.1. Assistenza amministrattiva reċiproka 19
3.1.1.1. Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (AFIS) 19
3.1.1.2. Operazzjonijiet doganali konġunti (JCOs) 20

3.1.2. Assistenza reċiproka u dispożizzjonijiet kontra l-frodi fi ftehimiet internazzjonali ... 20
3.1.3. Il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk ... 21
3.1.4. Kooperazzjoni relatata mal-ġlieda kontra l-frodi maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) ... 21
3.1.5. Ġlieda kontra l-frodi tal-VAT ... 22

3.2. Miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi – dħul ... 24

3.3. Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati – dħul ... 24
3.3.1. Identifikazzjoni ta' irregolaritajiet frodulenti ... 25
3.3.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati ... 25

4. POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI SETTORJALI KONTRA L-FRODI — NEFQA ... 25

4.1. Politiki u miżuri settorjali kontra l-frodi tal-Istati Membri li jinvolvu diversi setturi tan-nefqa 25

4.2. Agrikoltura — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi ... 26
4.2.1. Agrikoltura — miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi ... 26
4.2.2. Agrikoltura — statistiki dwar irregolaritajiet u frodi identifikati ... 26
4.2.2.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati ... 27
4.2.2.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati ... 27

4.3. Politika ta' koeżjoni u tas-sajd — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi ... 28
4.3.1. Politika ta' koeżjoni u tas-sajd — Miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi ... 28
4.3.2. Politika ta' koeżjoni u s-sajd — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati ... 30
4.3.2.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati ... 30
4.3.2.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati ... 30

4.4. Ġestjoni indiretta (qabel l-adeżjoni) — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati 30

4.5. Ġestjoni diretta — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi ... 31
4.5.1. Ġestjoni diretta — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati ... 31
4.5.1.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati ... 31
4.5.1.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati ... 31

5. IRKUPRU U MIŻURI PREVENTIVI U KORRETTIVI OHRA ... 31

6. KOOPERAZZJONI MAL-ISTATI MEMBRI ... 31

7. SISTEMA TA' IDENTIFIKAZZJONI BIKRIJA U TA' ESKLUŻJONI (EDES) ... 32

8. SEGWITU GHAR-RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW DWAR IR-RAPPORT ANNWALI TAL-2017 ... 33

9. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET ... 33

9.1. Dħul ... 33

9.2. Nefqa ... 34

9.3. Ħarsa lil hinn ... 35

Tabella tal-illustrazzjonijiet

ILLUSTRAZZJONI 1: IRREGOLARITAJIET IRRAPPORTATI BĦALA FRODULENTI FL-2018 17
ILLUSTRAZZJONI 2: L-IRREGOLARITAJIET IRRAPPORTATI BĦALA FRODULENTI U L-AMMONTI ASSOĊJATI, 2014-2018 .. 18
ILLUSTRAZZJONI 3: IRREGOLARITAJIET IRRAPPORTATI BĦALA MHUX FRODULENTI FL-2018 19
ILLUSTRAZZJONI 4: JCOS FL-2018 20
ILLUSTRAZZJONI 5: TOR - IL-FATTI U X-XEJRIET EWLENIN 25
ILLUSTRAZZJONI 6: RATI TA' DETEZZJONI SKONT IL-KOMPONENT TAL-PAK 26
ILLUSTRAZZJONI 7: POLITIKA AGRIKOLA - FATTI U ĊIFRI EWLENIN 27
ILLUSTRAZZJONI 8: MIŻURI TAS-SUQ L-AKTAR AFFETTWATI MINN IRREGOLARITAJIET (FRODULENTI U MHUX FRODULENTI) 27
ILLUSTRAZZJONI 9: MIŻURI ADOTTATI MILL-ISTATI MEMBRI FIL-QASAM TAL-POLITIKA TA' KOEŻJONI 28
ILLUSTRAZZJONI 10: POLITIKI TA' KOEŻJONI U TAS-SAJD - FATTI U ILLUSTRAZZJONIJIET EWLENIN 29
ILLUSTRAZZJONI 11: L-ISTRUTTURA U S-SOTTOGRUPPI TA' COCOLAF 31

Sommarju eżekuttiv

Tletin sena ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE

Dan huwa t-30 rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi (Rapport PIF). Dan il-perjodu ta' tletin sena jista' jinqasam fi tliet fażijiet ta' bejn wieħed u ieħor għaxar snin.

Matul l-ewwel fażi (1989-1998), ġew stabbiliti l-pedamenti leġiżlattivi tal-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet.

It-tieni deċennju (1999-2008) kien perjodu ta' konsolidazzjoni, ta' riformi operazzjonali u tal-akbar tkabbir fl-istorja tal-Unjoni Ewropea.

Matul it-tielet deċennju (2009-2018), il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE esperjenzat impetu ġdid. L-istituzzjonijiet Ewropej qablu dwar sensiela ta' atti u ta' inizjattivi ġodda sabiex ikomplu jsaħħu l-ġlieda kontra l-frodi fil-livell tal-UE u ġew stabbiliti l-kundizzjonijiet għal parteċipant ġdid — l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) — li se jidħol fis-seħħ dalwaqt.

Inizjattivi trażversali ewlenin adottati u żviluppati fl-2018

Matul l-2018, l-aħħar sena tat-tielet fażi, ġew adottati regoli finanzjarji ġodda (fir-*"Regolament Omnibus"*) sabiex jiġi ssimplifikat u rrazzjonalizzat l-użu tal-fondi tal-UE u sabiex jerġa' jiġi definit il-kunflitt ta' interessi għall-atturi finanzjarji kollha li jimplimentaw il-baġit tal-UE fil-modi varji ta' ġestjoni, inkluż fil-livell nazzjonali.

Billi l-istituzzjonijiet jinnegozjaw il-qafas legali għall-qafas finanzjarju pluriennali għall-2021-2027, id-dispożizzjonijiet kontra l-frodi għall-programmi tal-infiq qed ikomplu jiġu rfinati. Kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-UE ser ikollha tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Dawn iridu jagħtu d-drittijiet ta' aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u jiżguraw li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi ta' l-UE tagħmel l-istess.

Enfasi fuq il-qasam tad-dħul

Mil-lat tad-dħul, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll pjan ta' azzjoni ġdid sabiex tkompli tiġġieled b'mod effettiv il-kummerċ illegali tat-tabakk.

Ġew adottati regoli ġodda sabiex tiġi miġġielda l-frodi transnazzjonali tal-VAT. L-assistenza amministrattiva reċiproka bejn l-Istati Membri żdiedet permezz ta' possibilità ġdida li jitwaqqfu inkjesti amministrattivi konġunti u permezz ta' netwerk ta' analisti nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE li jaħdmu f'oqsma differenti tar-riskju ta' frodi fil-qafas tal-Eurofisc.

F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-Rapport PIF tal-2017, l-Istati Membri nedew għodod tal-IT, approċċi bbażati fuq ir-riskju u inizjattivi ġodda sabiex jilqgħu l-isfidi miġjuba mill-valutazzjoni baxxa tal-prodotti (b'mod partikolari żraben u tessuti), inkluż permezz tal-kummerċ elettroniku. Għalkemm l-Istati Membri sabu anqas irregolaritajiet milli fl-2017 fiż-żona doganali (riżorsi proprji tradizzjonali — TOR), il-kost finanzjarju ta' dawn l-irregolaritajiet kien ogħla. B'mod simili, il-frodi dettetta kienet stabbli, iżda l-impatt finanzjarju relatat kien ogħla.

Fil-qasam tat-TOR, dan ir-rapport jirrakkomanda aktar miżuri sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ elettroniku transfruntier, b'mod partikolari l-abbuż potenzjali ta' kunsinni ta' valur baxx.

Enfasi fuq il-qasam tan-nefqa

Fir-rigward tan-nefqa, l-Istati Membri adottaw ukoll diversi miżuri operazzjonali, b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' għodod tal-IT għall-għoti ta' punteġġ għar-riskju (bħal ARACHNE), valutazzjonijiet tar-riskju ta' frodi u korsijiet ta' taħriġ sabiex jiżdied l-għarfien ġenerali dwar il-frodi, skont id-dispożizzjonijiet tal-QFP 2014-2020 u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni stabbiliti fir-Rapporti PIF preċedenti.

Id-detezzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet fis-setturi tan-nefqa ssegwi mudell simili għall-qasam tad-dħul, b'anqas każijiet misjuba kull sena, iżda b'kost finanzjarju ogħla.

Minħabba li bosta programmi ta' nfiq għandhom ċiklu pluriennali, ġiet żviluppata analiżi komparattiva għall-perjodi ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2007-2013 u 2014-2020. Dan juri x-xejriet li jistgħu jkunu riżultat tat-tisħiħ tad-detezzjoni ta' frodi u tal-kapaċitajiet ta' prevenzjoni tal-irregolaritajiet introdotti mill-miżuri adottati kontra l-frodi. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja dawn ir-riżultati sabiex tivvaluta jekk humiex fil-fatt dovuti għal sistemi aktar effiċjenti u mhux għal sottodetezzjoni u għal sottorapportar.

L-analiżi tikkonferma s-sejbiet tar-Rapporti PIF preċedenti f'termini tal-oqsma f'riskju u tal-ħtieġa li jittejbu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji. Konsegwentement, dan ir-Rapport PIF jistieden għal darb'oħra lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw is-sistemi tagħhom kontra l-frodi fil-qafas ta' strateġiji nazzjonali dedikati.

Il-kisbiet tal-Kummissjoni Juncker

Dan ir-rapport huwa l-aħħar wieħed adottat taħt il-Kummissjoni Juncker li matul il-mandat tagħha, il-ġlieda kontra l-frodi u l-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-UE qabdu momentum ġdid. L-aktar kisbiet importanti jinkludu d-direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi permezz tal-liġi kriminali u r-regolament sabiex ikun stabbilit l-UPPE permezz ta' kooperazzjoni msaħħa — it-tnejn adottati fl-2017, u r-reviżjoni tar-regolament finanzjarju, li ddefinixxa mill-ġdid il-kunflitt ta' interessi għall-atturi finanzjarji kollha li jimplimentaw il-baġit tal-UE. Fl-2018, il-Kummissjoni ressqet ukoll proposta għal reviżjoni mmirata tar-regolament OLAF (ir-Regolament 883/2013) li dwarha mistenni li ma jdumux ma jibdew in-negozjati bejn it-tliet partijiet.

Madankollu, il-Kummissjoni taf li ma tistax tieqaf taħdem f'dan il-qasam. Kontinwament jitfaċċaw sfidi ġodda u, sabiex tinżamm il-fiduċja tal-pubbliku, l-istituzzjonijiet tal-UE u dawk nazzjonali jridu juru l-impenn sħiħ tagħhom fil-ġlieda kontra l-ineffiċjenzi u l-għemil ħażin.

Il-Kummissjoni adottat strateġija ġdida kontra l-frodi (CAFS) fid-29 ta' April 2019 sabiex twieġeb għal ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tal-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' frodi. Is-CAFS għandha l-għan li ttejjeb il-kapaċità analitika tal-Kummissjoni sabiex tkun tista' tirreaġixxi malajr għall-isfidi li dejjem jinbidlu, pereżempju billi tintegra teknoloġiji ġodda fil-proċessi ta' kontroll u ttejjeb il-koordinazzjoni interna ġenerali, li hija kruċjali għal organizzazzjoni tant kumplessa.

1. INTRODUZZJONI

Dan huwa t-30 rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi (Rapport PIF). L-ewwel rapport ġie adottat f'Jannar tal-1990. Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Maastricht fl-1 ta' Jannar 1993, artikolu speċifiku tat-trattat kien jipprovdi b'mod espliċitu għall-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, dak iż-żmien.

Mill-1 ta' Mejju 1999, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, ir-rapportar annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar miżuri meħuda għall-ġlieda kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE sar kopert minn dispożizzjoni speċifika (inizjalment l-Artikolu 280(5) tat-Trattat KE u issa l-Artikolu 325(5) tat-TFUE).

L-UE u l-Istati Membri jaqsmu r-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u għall-ġlieda kontra l-frodi. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jimmaniġġjaw madwar 74% tan-nefqa tal-UE u jiġbru r-riżorsi proprji tradizzjonali. Il-Kummissjoni tissorvelja dawn iż-żewġ oqsma, tistabbilixxi l-istandards u tivverifika l-konformità. Sabiex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE b'mod effettiv, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jaħdmu mill-qrib flimkien.

Mis-sena ta' rapportar 1989, ir-Rapport PIF jivvaluta din il-kooperazzjoni bil-għan li jtejjibha. Għal dan l-iskop, huwa:

- jipprovdi sommarju tal-miżuri meħuda fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-frodi;
- jinkludi analiżi tal-kisbiet ewlenin tal-korpi nazzjonali u Ewropej fid-dettezzjoni u fir-rapportar ta' frodi u ta' irregolaritajiet li jirrigwardaw in-nefqa u d-dħul tal-UE. Dan huwa b'mod partikolari bbażat fuq id-detezzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi rrapportati mill-Istati Membri f'konformità mar-regolamenti settorjali.

It-30 edizzjoni ta' dan ir-rapport ser tagħti ħarsa ġenerali lejn il-kisbiet ewlenin ta' dawn l-aħħar 30 sena kif ukoll lejn informazzjoni dwar l-inizjattivi tal-2018. It-Taqsimiet 1.1, 1.2 u 1.3 ta' hawn taħt se jagħtu deskrizzjoni qasira tal-aħħar 30 sena tal-ġlieda kontra l-frodi u tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-baġit tal-UE.

Ir-rapport huwa akkumpanjat minn ħames Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD), elenkati fl-Anness 3[1].

1.1. L-ewwel deċennju (1989-1998): bini tal-pedamenti

Fl-aħħar tal-1988, l-unità għall-koordinazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi (**UCLAF**) twaqqfet sabiex tmexxi u tissorvelja l-attivitajiet kollha tal-Kummissjoni fil-prevenzjoni tal-frodi, bi **programm ta' ħidma b'45 punt** sabiex twettaq l-objettivi tagħha.

Matul dawn l-ewwel għaxar snin, ġew adottati għadd ta' atti leġiżlattivi ewlenin, li sawru b'mod sinifikanti x-xenarju tal-ġlieda kontra l-frodi sal-2017. **Fl-1991**, il-Kunsill adotta **r-Regolament 595/91** dwar ir-rapportar ta' irregolaritajiet fil-politika agrikola komuni. It-**Trattat ta' Maastricht** (EUT), li daħal fis-seħħ fl-aħħar tal-**1993**, qiegħed l-objettivi u l-mezzi sabiex tiġi miġġielda l-frodi fl-ogħla livell leġiżlattiv u kkonferma l-obbligu tal-Istati Membri li jittrattaw l-interessi finanzjarji tal-Komunità hekk kif jittrattaw l-interessi finanzjarji tagħhom stess fil-ġlieda kontra l-frodi, jiġifieri billi jużaw mezzi effettivi, proporzjonati u dissważivi, bis-saħħa ta' artikolu speċifiku (209A). It-Titolu 4 tal-EUT jipprovdi għal kooperazzjoni msaħħa u għall-għodod sabiex din tinkiseb.

Fl-**1994**, twaqqaf il-**Kumitat Konsultattiv għall-Koordinazzjoni tal-Prevenzjoni tal-Frodi** (COCOLAF)[2]. Ir-Regolamenti (KE) Nru 1681/94 u 1831/94 dwar in-notifika ta' irregolaritajiet u l-irkupru ta' somom imħallsa indebitament fil-qasam tal-fondi strutturali u ta' koeżjoni ġew adottati wkoll u f'kull Stat Membru ġie stabbilit numru freephone sabiex l-individwi jkunu jistgħu jgħinu fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Fil-livell intergovernattiv, l-Istati Membri ffirmaw il-**Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità skont il-liġi kriminali (1995)**. Il-Konvenzjoni stabbiliet definizzjoni

[1] (i) Implimentazzjoni tal-Artikolu 325 mill-Istati Membri fl-2018;
(ii) Evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet irrapportati għall-oqsma tar-riżorsi proprji, ir-riżorsi naturali, il-politika ta' koeżjoni u l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u n-nefqa diretta;
(iii) Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet għar- rapport tal-Kummissjoni dwar il- protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE — il-ġlieda kontra l-frodi, 2017;
(iv) Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) — Bord imsemmi fl-Artikolu 108 tar-Regolament Finanzjarju; u
(v) Ħarsa ġenerali annwali b'informazzjoni dwar ir-Riżultati tal-Programm Hercule III fl-2018.

[2] Ara l-paragrafu 6.

komuni ta' frodi u ta' reati serji oħra li jagħmlu ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Komunità, li jobbligaw lill-Istati Membri li jittrattawha bħala reat kriminali speċifiku b'pieni xierqa. Fi tmiem is-sena, il-Kunsill adotta r-**Regolament** (KE, Euratom) **Nru 2988/95**, att leġiżlattiv ta' qafas applikabbli għan-nefqa kollha u għat-TOR (mhux għall-VAT), li ħoloq il-bażi għall-formulazzjoni ta' penali amministrattivi uniformi, bl-istess forza legali fil-Komunità Ewropea kollha.

Ir-Regolament (KE) Nru 2185/96 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post fl-Istati Membri mwettqa minn uffiċjali tal-Kummissjoni sabiex isibu frodi u irregolaritajiet ġie adottat fl-**1996**, kif ukoll **l-ewwel protokoll dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni** mehmuż mal-Konvenzjoni tal-1995.

Fl-**1997**, ġie adottat ir-Regolament (KE) Nru 515/97 **dwar għajnuna reċiproka f'materji doganali u agrikoli**. Il-Konvenzjoni dwar l-assistenza u l-kooperazzjoni reċiproċi bejn l-amministrazzjonijiet doganali (il-"Konvenzjoni ta' Napli II") ġiet iffirmata fi Brussell fit-18 ta' Diċembru 1997 (u daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Ġunju 2009). Din il-Konvenzjoni, fir-rigward tal-prosekuzzjoni u tal-piena għal ksur tad-dispożizzjonijiet doganali tal-UE, tissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 515/97 kif ukoll ir-Regolament Nru 389/2012 (fuq materji relatati mas-sisa) dwar l-għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri.

Fl-istess sena, l-Istati Membri ffirmaw it-**tieni protokoll (li jittratta l-ħasil tal-flus u l-koperazzjoni ġudizzjarja**) għall-Konvenzjoni tal-1995. Il-Kunsill nieda l-programm **FISCALIS**, li jtejjeb l-għodod tal-komunikazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni għall-prevenzjoni tal-frodi tal-VAT u tas-sisa. Il-Kummissjoni adottat l- "**Aġenda 2000**": komunikazzjoni li tiddeskrivi l-perspettiva wiesgħa għall-iżvilupp tal-UE u tal-politiki tagħha lejliet is-seklu l-ġdid, l-isfidi tat-tkabbir u l-qafas finanzjarju futur.

Tmiem l-ewwel deċennju kien imfakkar b'avvenimenti li wrew għadd ta' dgħjufijiet li kienu jeħtieġu aktar azzjoni f'ċerti oqsma.



1.2. It-tieni deċennju (1999-2008): tkabbir, konsolidazzjoni u riformi operazzjonali

F'April tal-**1999**, daħal fix-xena attur ġdid. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabilixxi **l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi** (OLAF), korp indipendenti għall-attivitajiet operazzjonali, li ħa f'idejh il-kompiti tal-UCLAF. Il-**pakkett leġiżlattiv il-ġdid** daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1999 u estenda r-responsabbiltajiet tal-OLAF għall-attivitajiet kollha relatati mas-salvagwardja tal-interessi Komunitarji kontra mġiba irregolari li taffettwa l-interessi finanzjarji li jistgħu jwasslu għal proċeduri amministrattivi jew kriminali. Barra minn hekk, kważi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE bdew jinkarigaw lill-OLAF bl-investigazzjoni ta' mġiba ħażina serja mill-membri tagħhom u mill-persunal tagħhom.

Din kienet parti minn riforma u minn modernizzazzjoni kbar tal-amministrazzjoni kollha tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja, li saħħet is-sistema ta' governanza tal-Kummissjoni u wasslet għal linji aktar ċari ta' akkontabilità u ta' responsabbiltà. Bħala parti mir-Riforma Finanzjarja mnedija fis-sena **2000**, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrevedi l-istrutturi ta' kontroll intern tagħha sabiex l-Uffiċjali Awtorizzanti b'Delega jkunu responsabbli bis-sħiħ

għall-kontroll intern, inkluża l-ġlieda kontra l-frodi, fuq l-attivitajiet tagħhom.

Bħala l-ewwel korp investigattiv Ewropew, il-fokus tal-OLAF huwa fuq l-attivitajiet operazzjonali. Minkejja dan, hekk kif inġabru f'korp wieħed l-għarfien espert operazzjonali u l-koordinazzjoni tal-inizjattivi tal-politiki tal-Kummissjoni għall-ġlieda kontra l-frodi, it-tieni deċennju kien fih ukoll ħafna ideat ta' **politika u proġetti sabiex tkompli tissaħħaħ** il-ġlieda kontra l-frodi. Uħud minn dawn l-inizjattivi ma jagħtux frott qabel it-tielet deċennju, iżda diġà kienu ġew deskritti fl-**approċċ strateġiku kumplessiv (OSA — 2001-2005)**[3].

[3] COM(2000) 358 final.



F'Mejju **1999**, it-**Trattat ta' Amsterdam** daħal fis-seħħ filwaqt li emenda u espanda d-dispożizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-frodi u naqqax l-adozzjoni tar-Rapport FIP fil-paragrafu 5 tal-**Artikolu 280** il-ġdid.

L-arkitettura ġenerali ssaħħet b'mod sinifikanti bir-rwoli mtejba tal-Parlament Ewropew u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA).

It-tieni deċennju kien imfakkar bl-introduzzjoni tal-euro u bl-akbar tkabbir fl-istorja tal-UE bl-adeżjoni ta' 12-il Stat Membru ġdid (fl-**2004** u fl-**2007**). Minn perspettiva ta' kontra l-frodi, dan il-proċess kien jeħtieġ li jitwaqqaf Servizz Nazzjonali ta' Koordinazzjoni kontra l-Frodi (AFCOS) f'kull Stat Membru ġdid u sforz kbir ta' taħriġ għat-12-il pajjiż kollha mill-Kummissjoni.

Taħt l-OSA, twaqqfet it-Taskforce għall-Irkupru sabiex iżżid l-irkupri ta' fondi tal-UE f'każijiet ta' frodi jew ta' irregolaritajiet oħra misjuba.

Fl-**2003**, il-Kummissjoni ppproponiet il-**programm "Hercule"** sabiex jappoġġja l-attivitajiet ta' taħriġ, il-miżuri ta' assistenza teknika u l-iskambju ta' *data*. Il-programm beda fl-**2004** u ġie estiż taħt l-**oqfsa finanzjarji pluriennali (QFP) 2007-2013** u **2014-2020**.

Fl-**2006** ġew adottati **regoli finanzjarji** ġodda li jeħtieġu li l-amministrazzjonijiet nazzjonali jwaqqfu sistemi ta' kontroll intern effikaċi u jwettqu l-ispezzjonijiet neċessarji fuq il-fondi tal-UE taħt il-ġestjoni tagħhom.

Hekk kif żdiedu l-esperjenza u r-riżultati operazzjonali tal-OLAF, fl-**2007** il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni dwar "**Il-prevenzjoni tal-frodi permezz ta' bini fuq ir-riżultati operazzjonali: approċċ dinamiku għall-prevenzjoni tal-frodi**" sabiex l-għarfien espert tal-OLAF jiġi integrat fil-proċess regolatorju. L-għan kien li jiġu identifikati nuqqasijiet fil-proposti leġiżlattivi, fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.

1.3. It-tielet deċennju (2009-2018): Riformi u qabża ġdida 'l quddiem

Matul it-tielet deċennju, in-numru u r-rilevanza tal-miżuri adottati fil-livell tal-UE pprovdew momentum ġdid għall-ġlieda kontra l-frodi fl-oqsma kollha relatati mal-baġit tal-UE.

Fuq il-bażi tal-kisbiet tal-20 sena ta' qabel, dan id-deċennju ra l-finalizzazzjoni ta' inizjattivi ambizzjużi, li se jgħollu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE għal livell ġdid fis-snin li ġejjin.

Minkejja li l-kisbiet l-aktar notevoli huma atti leġiżlattivi, il-miżuri operazzjonali ġabu wkoll progress notevoli f'dak li għandu x'jaqsam mal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-OLAF, f'konformità mat-Trattat tal-UE. Bħala riżultat ta' dan it-titjib kontinwu, matul dan id-deċennju, il-QEA tat opinjoni kwalifikata dwar il-baġit tal-UE għas-snin 2016 u 2017.

Fl-**2009,** fil-qasam doganali tqiegħdet bażi ta' *data* ġdida (**FIDE**) u **tnediet l-Operazzjoni Doganali Konġunta** (JCO) Diabolo II, li tirrappreżenta mudell eċċellenti għall-kooperazzjoni operazzjonali futura. L-imsieħba kollha tal-ASEM (Laqgħa Asja-Ewropa) kienu involuti u kkoordinati mill-OLAF bl-appoġġ tal-Europol u tal-Interpol.

Sa tmiem is-sena, daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona. Fost il-bosta bidliet sinifikanti li introduċa, dan lesta l-proċess ta' integrazzjoni fis-sistema tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (jiġifieri l-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali) u pprovda għall-possibbiltà li

jiġi stabbilit Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE).



Fl-**2011**, il-Kummissjoni adottat **strateġija** ambizzjuża **kontra l-frodi** (CAFS) u pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti u tal-alkoħol tul il-fruntiera tal-Lvant tal-UE. **Fl-2012**, din ippreżentat il-pjanijiet tagħha sabiex **tindirizza l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa**.

L-**2013** kien imfakkar b'xi avvanzi sinifikanti fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. B'mod allinjat mal-objettivi stabbiliti fil-CAFS, fil-programmi ta' nfiq tal-QFP 2014-2020 ġew introdotti dispożizzjonijiet speċifiċi kontra l-frodi li kienu jeħtieġu li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jadottaw miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi. Ir-Regolament (UE) Nru 883/2013 ta definizzjoni ġdida lill-**investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF**, filwaqt li saħħaħ il-garanziji proċedurali għall-individwi kkonċernati u esiġa li l-Istati Membri kollha jaħtru AFCOS sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u l-iskambju effettivi ta' informazzjoni mal-Uffiċċju. **Il-Protokoll tal-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC)** kontra l-kummerċ illeċitu tat-tabakk ġie ffirmat minn 54 parti, inkluża l-UE. Il-Kummissjoni adottat ukoll il-Komunikazzjoni dwar il-**ġlieda kontra l-kuntrabandu tat-tabakk** u pjan ta' azzjoni.

Il-pakkett leġiżlattiv mandat mis-CAFS tlesta fl-**2014** bl-adozzjoni tad-direttivi riveduti dwar l-akkwist pubbliku u l-utilitajiet u direttiva ġdida dwar il-konċessjonijiet. L-azzjonijiet prijoritarji kollha tas-CAFS tlestew matul l-istess sena.

Il-momentum kompla taħt il-Kummissjoni Juncker u hekk kif id-deċennju kien riesaq lejn tmiemu, finalment ġew adottati żewġ atti leġiżlattivi ewlenin u ferm mistennija sabiex isaħħu l-protezzjoni tad-dritt kriminali tal-baġit tal-UE: Id-Direttiva dwar il-**ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali** (id-Direttiva PIF)[4]; u r-Regolament li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-**UPPE**[5].

Fl-2017, il-Kummissjoni rrevediet il-qafas ta' kontroll intern[6] tagħha sabiex tiżgura li l-komponenti kollha, anke dak li jinkludi l-ġlieda kontra l-frodi, ikunu preżenti u effettivi fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni.

Il-kapitoli li jmiss ta' dan ir-rapport jiffokaw fuq il-progress li sar fl-2018.

2. L-ARMONIZZAZZJONI U T-TISHIH TAL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI FL-UE: POLITIKI TRAŻVERSALI, MIŻURI U RIŻULTATI TAL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI FL-2018

2.1. Atti leġiżlattivi adottati mill-istituzzjonijiet tal-UE

2.1.1. Regolament li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE: il-qagħda attwali

Wara l-adozzjoni tar-regolament UPPE, f'Awwissu 2018, in-Netherlands u Malta kkonfermaw is-sħubija tagħhom fl-UPPE, sabiex b'hekk in-numru

[4] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29–41.

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

[6] C(2017) 2373 final.

totali ta' Stati Membri parteċipanti tela' għal 22. L-UPPE ser ikollu l-kompetenza li jinvestiga, imexxi l-prosekuzzjoni u jressaq il-qorti reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE kif iddefiniti fid-Direttiva PIF.

L-UPPE huwa mistenni jkun operazzjonali sa tmiem l-2020, wara perjodu ta' stabbiliment ta' tal-anqas 3 snin previst fir-Regolament UPPE. L-istabbiliment tal-UPPE huwa prijorità tal-Kummissjoni u dan il-proċess huwa avvanzat sew.

Fl-2018, il-Kummissjoni ħatret Direttur Amministrattiv interim, responsabbli għall-materji amministrattivi u baġitarji. Tnedew ukoll il-proċeduri għar-reklutaġġ tal-Kap Prosekutur Ewropew u tal-Prosekuturi Ewropej. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri sabiex jinnominaw il-kandidati tagħhom għall-kariga ta' Prosekutur Ewropew sal-aħħar ta' Marzu 2019.

L-Istati Membri parteċipanti qed jiġu kkonsultati fil-proċess kollu permezz tal-grupp ta' esperti li twaqqaf f'konformità mar-Regolament UPPE.

2.1.2. Ir-Regolament Omnibus

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ir-"regolament Omnibus", ġie adottat fit-18 ta' Lulju 2018. Ir-regolament Omnibus jemenda r-Regolament Finanzjarju eżistenti li jistipula l-qafas ġenerali għall-ġestjoni tal-baġit, kif ukoll għadd ta' atti li jirregolaw il-programmi pluriennali tal-UE f'diversi oqsma, inkluża l-politika ta' koeżjoni. Għaldaqstant, ir-regolament Omnibus jirrevedi r-regoli finanzjarji tal-UE sabiex jissimplifikahom u jagħmilhom aktar orjentati lejn ir-riżultati. Dan jinkludi reviżjonijiet li jissimplifikaw l-użu ta' strumenti finanzjarji taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

L-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju jiddefinixxi mill-ġdid il-kunflitt ta' interessi għall-atturi finanzjarji kollha li jimplimentaw il-baġit tal-UE fil-modalitajiet varji ta' ġestjoni, inkluż fil-livell nazzjonali. Dan x'aktarx joħloq żieda kbira fl-użu tad-"dikjarazzjonijiet ta' interess" mill-atturi finanzjarji, żieda fit-trasparenza, u fiduċja pubblika aħjar.

2.2. Infasslu l-ġejjieni: l-inizjattivi leġiżlattivi u ta' politika tal-istituzzjonijiet Ewropej

It-taqsima li jmiss tagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi ewlenin li jikkonċernaw l-inizjattivi leġiżlattivi tal-politika u leġiżlattivi tal-Kummissjoni fl-2018.

2.2.1. Proposta tal-Kummissjoni sabiex jiġi rivedut ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013

Fit-23 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha sabiex temenda d-dispożizzjonijiet magħżula tar-Regolament Nru 883/2013[7]. Ir-reviżjoni tar-Regolament hija primarjament xprunata mill-ħtieġa li l-operat tal-OLAF jiġi adattat għall-funzjonament tal-UPPE fil-futur. Ir-reviżjoni għandha wkoll l-għan li żżid l-effettività tal-funzjoni investigattiva tal-OLAF, partikolarment billi: (i) tiċċara sa liema punt japplika d-dritt nazzjonali u tal-UE fit-twettiq ta' kontrolli u ta' spezzjonijiet fuq il-post, u b'hekk tikkodifika l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali; (ii) ittejjeb l-ammissibilità tal-evidenza miġbura mill-OLAF fil-proċeduri ta' segwitu; u (iii) tipprovdi bażi ġuridika ċara għall-OLAF sabiex jaċċessa l-informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji permezz tal-assistenza tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Dwar ir-relazzjoni futura mal-UPPE, il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi obbligi ta' rapportar għall-OLAF fejn dan jiltaqa' ma' frodi possibbli li jaqa' taħt il-kompetenza tal-UPPE. Din tiċċara wkoll kif u meta l-OLAF jista' jappoġġa jew jikkomplementa l-UPPE fuq talba tiegħu u meta l-OLAF jista' jiftaħ jew ikompli investigazzjoni amministrattiva fuq inizjattiva tiegħu stess sabiex jiżgura li ż-żewġ korpi jikkomplementaw lil xulxin kemm jista' jkun u sabiex jiżgura l-bilanċ it-tajjeb tal-mezzi kriminali u amministrattivi għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija reviżjoni mmirata tar-Regolament tal-OLAF bl-għan li tiżgura li l-emendi jkunu fis-seħħ sa meta l-UPPE jsir operazzjonali sa tmiem l-2020. Reviżjoni aktar estensiva sabiex jiġi mmodernizzat il-qafas ġuridiku tal-OLAF tista' tiġi prevista aktar 'il quddiem.

Fl-2018, il-proposta tal-Kummissjoni kienet diskussa fil-Grupp tal-Kunsill Kontra l-Frodi (GAF) taħt il-Presidenzi tal-Bulgarija u tal-Awstrija. Il-Presidenza Finlandiża għandha mandat sabiex tibda negozjati informali mal-Parlament (trilogi) fil-ħarifa tal-2019. Il-Parlament Ewropew adotta r-rapport tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni fis-16 ta' April 2019[8].

---

[7] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[8] http://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2019-0383_MT.html?redirect.

2.2.2. *Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri*

Fit-2 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni pproponiet Regolament dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. Il-proposta hija bbażata fuq il-fehim li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali sabiex tinżamm konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda. Skont il-proposta, l-UE tista' tissospendi, tnaqqas jew tillimita l-aċċess għall-fondi tal-UE b'mod proporzjonat. Meta tiddeċiedi li tniedi din il-proċedura, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni rilevanti bħal deċiżjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, rapporti mill-QEA, kif ukoll konklużjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti. L-Istat Membru kkonċernat jingħata l-opportunità li jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni. L-Istati Membri jibqgħu marbuta bl-obbligi eżistenti sabiex jimplimentaw il-programmi u jagħmlu pagamenti lir-riċevituri jew lill-benefiċjarji finali. Bħalissa l-proposta qed tiġi diskussa mill-Kunsill u mill-Parlament.

2.2.3. *Dispożizzjonijiet trażversali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE (dispożizzjonijiet PIF) fi ħdan il-proposti kollha tal-Kummissjoni għall-QFP*

L-OLAF, f'kooperazzjoni msaħħa mad-dipartimenti tal-infiq u mad-dipartimenti ċentrali tal-Kummissjoni, introduċa dispożizzjonijiet standard dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE fil-proposti leġiżlattivi kollha tal-Kummissjoni għall-programmi ta' nfiq ta' wara l-2020 taħt il-ġestjoni diretta, indiretta u kondiviża. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-interessi finanzjarji tal-UE għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi. Barra minn hekk, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-UE trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, sabiex tagħti d-drittijiet ta' aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE tagħti drittijiet ekwivalenti.

2.2.4. *Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE*

Fl-2018, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni kienet prijorità fil-proċess ta' governanza ekonomika tas-Semestru Ewropew. Erbatax-il rapport tal-pajjiżi[9] inkludew valutazzjoni tax-xenarju legali, istituzzjonali u ta' politika tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inklużi l-progress u l-isfidi li għad fadal.

Sitt Stati Membri rċievew ukoll rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi sabiex isaħħu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, jindirizzaw in-nuqqasijiet fl-akkwist pubbliku, isaħħu l-qafas kontra l-korruzzjoni, jipprevjenu u jrażżnu l-korruzzjoni b'mod aktar effettiv, jipprevjenu l-kunflitti ta' interess, u jżidu l-akkontabbiltà fil-livell tal-prosekuzzjoni u tal-pulizija.

Wara sejħa għal proposti, ingħataw seba' għotjiet b'valur totali ta' EUR 2.2 miljun lil proġetti li jipproponew azzjonijiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Fl-2018, il-Kummissjoni, li inkludiet l-OLAF, ħadet sehem b'mod attiv f'diversi fora Ewropej u internazzjonali ta' kontra l-korruzzjoni, bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, il-Grupp ta' Ħidma kontra l-korruzzjoni tal-G20 u s-Sħab Ewropej Kontra l-Korruzzjoni (EPAC) / in-Netwerk Ewropew tal-Punti ta' Kuntatt kontra l-Korruzzjoni (EACN).

2.2.5. *Kooperazzjoni internazzjonali*

Il-Kummissjoni, sabiex tiġġieled b'mod effettiv il-frodi li taffettwa l-baġit tal-UE lil hinn mill-fruntieri tagħha, kompliet iddaħħal dispożizzjonijiet kontra l-frodi fil-ftehimiet ma' pajjiżi mhux tal-UE u f'mudelli għal ftehimiet ta' kontribuzzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

Fl-2018, l-OLAF organizza żewġ attivitajiet sabiex jappoġġa lil pajjiżi mhux tal-UE:

- is-seminar annwali tiegħu (li sar fil-Bożnija-Ħerzegovina f'Ġunju 2018), għall-awtoritajiet sħab fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali, dwar l-aħjar prattiki fl-investigazzjonijiet b'suċċess tal-frodi; u[i]
- workshop (Lulju 2018) bil-parteċipazzjoni tas-servizzi rilevanti kollha ta' kontra l-frodi fl-Ukrajna fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna.

L-OLAF iffirma wkoll żewġ ftehimiet ta' kooperazzjoni amministrattiva mal-Bank Afrikan għall-Iżvilupp u mal-Uffiċċju tal-Ispettur Ġenerali tal-Aġenzija għall-Iżvilupp Internazzjonali tal-Istati Uniti (USAID) rispettivament.

2.2.6. *L-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi (CAFS) u l-pakkett il-ġdid ta' governanza*

Fl-2018, il-Kummissjoni ħejjiet CAFS ġdida sabiex tieħu post l-istrateġija li kienet ġiet adottata fl-24

9 https://ec.europa.eu/info/publications/2018-european-semester-country-reports_mt

ta' Ġunju 2011[10], li l-objettiv tagħha huwa li ttejjeb il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-frodi u tiżgura li s-sanzjonar, l-irkupru u d-deterrent adegwati jingħataw prijorità fl-aġenda tal-Kummissjoni.

L-istrateġija l-ġdida, li ġiet adottata fid-29 ta' April 2019, hija bbażata fuq valutazzjoni tar-riskju elaborata li identifikat bħala l-oqsma ewlenin għat-titjib il-ġbir u l-analiżi tad-*data* dwar il-frodi, il-kooperazzjoni bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni u s-sorveljanza korporattiva dwar kwistjonijiet ta' frodi fi ħdan il-Kummissjoni. Għaldaqstant, dawn l-aspetti tqiegħdu fiċ-ċentru tas-CAFS il-ġdida. Huma koerenti wkoll ma' evalwazzjoni interna tal-istrateġija preċedenti.

It-titjib fil-governanza ġie implimentat[11] sa tmiem l-2018, u b'hekk saħħaħ ir-rwol tal-Bord tat-Tmexxija Korporattiva fil-qasam ta' kontra l-frodi wkoll.

2.2.7. *Implimentazzjoni tal-programm Hercule*

Il-programm Hercule III 2014-2020[12] jippromwovi attivitajiet għall-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE. Fl-2018, il-ħames sena tal-implimentazzjoni tiegħu, tqiegħed għad-dispożizzjoni[13] baġit ta' EUR 15.35 miljun għal:

- finanzjament ta' azzjonijiet sabiex tissaħħaħ il-kapaċità operazzjonali u teknika tal-forzi tad-dwana u l-pulizija fl-Istati Membri, kif ukoll appoġġ tal-IT, (75% tal-baġit tal-programm); u
- attivitajiet ta' taħriġ u konferenzi, inkluż it-taħriġ tal-forensika diġitali għall-persunal impjegat mill-aġenziji għall-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri u pajjiżi sħab, (25% tal-baġit).

Il-benefiċjarji ta' għotjiet minn Hercule III iddikkjaraw suċċess sostanzjali li ntlaħaq bl-għajnuna ta' tagħmir u ta' taħriġ iffinanzjati permezz tal-programm[14], bħal:

- is-sekwestri ta' sigaretti u ta' tabakk imdaħħla b'kuntrabandu u foloz;
- id-detezzjoni ta' skemi ta' frodi ġodda u ta' netwerks ta' organizzazzjonijiet kriminali; u
- operazzjonijiet imtejba u investigazzjonijiet aktar rapidi dwar l-irregolaritajiet u l-korruzzjoni mwettqa kontra l-interessi finanzjarji tal-UE.

2.3. Il-ġurisprudenza tal-QĠUE

2.3.1. *Sigma Orionis vs il-Kummissjoni*

Fl-2018, sentenza waħda mill-Qorti Ġenerali żiedet mal-każistika dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE rigward il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post mill-OLAF.

Fil-kawża *Sigma Orionis vs il-Kummissjoni*[15], il-Qorti ċċarat id-dritt applikabbli matul dawn il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fin-nuqqas ta' oppożizzjoni mill-operatur ekonomiku, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post isiru mill-OLAF fuq il-bażi tar-Regolament Nru 883/2013 u tar-Regolament Nru 2185/1996, u tal-awtorizzazzjoni bil-miktub tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF. Id-dritt tal-Unjoni jippreċedi d-dritt nazzjonali meta kwistjoni tkun irregolata mir-Regolamenti Nru 883/2013 u Nru 2185/1996. Barra minn hekk, il-Qorti sabet li d-dispożizzjonijiet (fir-Regolament Nru 2185/1996) dwar oppożizzjoni possibbli tal-operatur ekonomiku kkonċernat għal kontroll ma jinkludux "dritt ta' oppożizzjoni" iżda jipprovdu sempliċement għall-konsegwenza li l-kontroll jista' jiġi impost fuqu permezz tal-assistenza tal-awtoritajiet nazzjonali (fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali). Fir-rigward tal-garanziji proċedurali, il-Qorti fakkret li l-OLAF irid jirrispetta d-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fid-dritt tal-UE, b'mod partikolari fil-Karta.

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, dawn il-kjarifiki importanti mill-Qorti se jgħinu sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet tal-OLAF.

2.3.2. *Ġurisprudenza relatata mal-EDES*

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES)[16] stabbilita fl-2016 kemm fir-rigward tal-identifikazzjoni bikrija (is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ottubru 2018 fil-Kawża T-477/16, *Epsilon International SA* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*) kif ukoll fil-parti tal-esklużjoni (is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru

[10] COM(2011) 376 final.

[11] Ara l-"Communication to the Commission : Streamlining and strengthening corporate governance within the European Commission', C(2018)7704 final tal-21.11.2018.

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 250/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi programm għall-promozzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (il-programm Erkole III) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 6).

[13] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 1763 final tat-28 ta' Marzu 2018.

[14] Għad-dettalji, ara l-SWD imsemmi fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, il-punt (v).

[15] Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2018 fil-kawża T-48/16, *Sigma Orionis SA* vs *il-Kummissjoni Ewropea*.

[16] Ara l-paragrafu 7.

2018 fil-Kawża T-454/17, *"Pro NGO!"* vs. il-Kummissjoni)[17] .

2.4. Miżuri meħuda mill-Istati Membri

2.4.1. Harsa ġenerali lejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri

Dan is-sommarju jagħti ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-prijoritajiet għall-miżuri ta' kontra l-frodi tal-Istati Membri, iżda mhuwiex eżawrjenti. L-Istati Membri ntalbu jirrapportaw massimu ta' tliet miżuri kontra l-frodi l-aktar, iżda wħud setgħu ħadu aktar minn tliet miżuri[18].

Fl-2018, l-Istati Membri rrapportaw 71 miżura[19] sabiex jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE u jiġġieldu l-frodi. Il-miżuri koprew iċ-ċiklu kollu ta' kontra l-frodi, l-aktar fil-qasam tal-ġestjoni kondiviża u tal-akkwist pubbliku, iżda anki fil-qasam tal-kunflitti ta' interess, il-korruzzjoni u l-istrateġiji kontra l-korruzzjoni, il-kriminalità finanzjarja, id-dwana u l-kummerċ illeċitu. Il-parti l-kbira tal-miżuri kienu jikkonċernaw il-"prevenzjoni" u d-"detezzjoni". Madwar terz tal-miżuri rrapportati kienu jikkonċernaw ukoll "l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni" u "l-irkupru u s-sanzjonijiet".

Il-maġġoranza (64%) kienu settorjali aktar milli trażversali (36%). Mill-miżuri settorjali, 14 kienu jikkonċernaw id-dħul fl-oqsma tal-frodi tat-taxxa u tad-dwana. 31 miżura oħra kienu jikkonċernaw in-nefqa, u koprew l-oqsma kollha tal-baġit. Il-miżuri relatati mas-setturi se jiġu indirizzati fil-paragrafi ddedikati għall-oqsma differenti tal-baġit, filwaqt li din it-taqsima tiffoka fuq il-miżuri trażversali.

2.4.1.1. L-istrateġiji nazzjonali kontra l-frodi (NAFS)

Sa tmiem l-2018, b'kollox 11-il Stat Membru[20] kienu adottaw strateġija nazzjonali kontra l-frodi u bagħtuha lill-Kummissjoni. **Il-Kummissjoni titlob għal darba oħra lill-Istati Membri l-oħra sabiex ifasslu strateġiji bħal dawn**, f'konformità mas-sejbiet tal-QEA fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 06/2019.

2.4.1.2. It-tisħiħ tat-trasparenza, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interessi fl-akkwist pubbliku

Tlettax-il miżura ġew adottati minn 10 Stati Membri[21] fl-2018 fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Dawn għandhom l-għan li jindirizzaw il-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess u li jtejbu t-trasparenza. Madwar nofs dawn il-miżuri kienu jinvolvu atti leġiżlattivi sabiex jiċċaraw jew jikkonsolidaw ir-regoli eżistenti jew sabiex jadattaw is-sistemi nazzjonali għall-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Ġew irrapportati miżuri organizzazzjonali u operazzjonali wkoll, li primarjament kellhom x'jaqsmu ma' attivitajiet ta' taħriġ u mal-introduzzjoni ta' għodod ġodda tal-IT.

2.4.1.3. Miżuri oħrajn

Miżuri trażversali oħra rrapportati kienu jirrigwardaw l-iżjed il-kriminalità finanzjarja u organizzata[22], b'mod partikolari fid-dawl tal-istabbiliment tal-UPPE[23]. Il-Latvja nediet il-kampanja nazzjonali tagħha kontra l-frodi (#FraudOff!) sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar il-frodi u tiġi promossa tolleranza żero kontra l-frodi.

Żewġ Stati Membri rrapportaw miżuri li jikkonċernaw is-sistemi ta' kontroll intern tagħhom[24]. L-Iżvezja informat dwar il-programm annwali tal-Kunsill tagħha għall-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-Unjoni Ewropea (SEFI) u l-Kroazja dwar konferenza internazzjonali ddedikata għall-ġestjoni tal-irregolaritajiet.

Tliet Stati Membri rrapportaw miżuri sabiex jindirizzaw id-dħul u n-nefqa f'ċerti setturi[25]:

- il-Pulizija Ekonomika u Finanzjarja Taljana fasslet pjanijiet operazzjonali speċifiċi sabiex tiġġieled l-approprjazzjoni indebita, talbiet u/jew riċevuti mhux dovuti ta' fondi tal-UE u l-frodi tal-VAT;
- Is-Slovenja żiedet il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet li jimmaniġġjaw l-interessi finanzjarji tal-UE u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji; u
- ir-Renju Unit irrapporta miżura li tindirizza l-frodi tat-taxxa u l-protezzjoni tal-fond għall-persuni l-aktar fil-bżonn (FEAD).

[17] Għal analiżi aktar dettaljata tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, ara l-SWD, nota 1 ta' qiegħ il-paġna, punt (v).

[18] Il-miżuri rrapportati huma analizzati fid-dettall fl-SWD imsemmi fin-nota 1 ta' qiegħ il-paġna, punt (i).

[19] Xi wħud minn dawn kienu parti minn pakkett li jinkludi, pereżempju, miżuri leġiżlattivi, amministrattivi, operazzjonali jew organizzazzjonali, adottati flimkien sabiex japplikaw fid-diversi livelli fl-istruttura istituzzjonali tal-pajjiż. Dan itella' t-total ta' miżuri rrapportati għal 111.

[20] Il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, Malta u s-Slovakkja u r-Rumanija rrapportaw NAFS fil-passat, iżda din issa għadda żmienha.

[21] Il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta u r-Rumanija.

[22] L-Ungerija u l-Iżvezja.

[23] Iċ-Ċekja, ir-Rumanija u l-Greċja.

[24] Il-Belġju u l-Iżvezja.

[25] Għalkemm l-Istati Membri ma jiddefinixxux b'mod espliċitu dawn il-miżuri bħala trażversali, huma joqgħodu aħjar f'din it-taqsima.

2.4.2. *L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2017*

Fir-Rapport PIF tal-2017, il-Kummissjoni għamlet żewġ settijiet ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri; wieħed minnhom huwa d-dħul immirat u l-ieħor in-nefqa.

Il-Kummissjoni kienet irrakkomandat lill-Istati Membri sabiex[26]:

(1) *Jibqgħu viġilanti għar-riskju ta' sottovalutazzjoni*



(2) *Itejbu l-kontrolli doganali*

(3) *Jadottaw miżuri oħra sabiex isaħħu l-ġestjoni tar-riskju doganali*



[26] Analiżi ddettaljata tat-tweġibiet tinsab fl-SWD imsemmi fin-nota **Error! Bookmark not defined.** ta' qiegħ il-paġna, punt (iii).



B'mod ġenerali, is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet wera li ħafna Stati Membri għamlu progress. Ir-riżultati wrew segwitu effettiv fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit. Madankollu, min-naħa tan-nefqa, jidher ċar li hemm ħtieġa dejjem akbar għal aktar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet li jittrattaw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Ħafna mill-Istati Membri daħħlu fis-seħħ għadd ta' għodod u ta' proċeduri sabiex jiksbu avviżi mingħand informaturi u jiggarantixxu l-anonimità tagħhom. Madankollu, spiss jidher li hemm nuqqas ta' koordinazzjoni ċentrali jew ta' armonizzazzjoni tar-regoli u tal-approċċi, anki fil-livell nazzjonali. Id-Direttiva dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrappurtaw dwar ksur tad-dritt tal-UE, maqbula bejn il-koleġiżlaturi f'April 2019[27], se tgħin sabiex telimina l-lakuni li fadal.

Qasam potenzjali ieħor għat-titjib huwa l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi u l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura. L-AFCOS jista' jaqdi rwol importanti fit-trawwim u fl-iżvilupp ta' tali kooperazzjoni, anki fid-dawl tal-istabbiliment tal-UPPE. Dan ġie aċċennat ukoll mill-QEA fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 06/2019.

2.5. Sommarju tal-istatistiki dwar l-irregolaritajiet u l-frodi identifikati[28]

Fl-2018, b'kollox ġew irrapportati 11 638 irregolarità frodulenti u mhux frodulenti lill-Kummissjoni, 25% anqas mill-2017. Dawn involvew madwar EUR 2.5 biljun, stabbli meta mqabbla mas-sena preċedenti.

Id-detezzjoni u r-rapportar ta' irregolarità jimplikaw li ttieħdu miżuri korrettivi sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE u li, kull meta dawn ikunu rilevanti, ikunu nfetħu proċeduri kriminali, jekk ikun hemm suspett ta' frodi.

[27] Test proviżorju miftiehem huwa disponibbli fuq http://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2019-0366_MT.html

[28] Għal analiżi ddettaljata tal-irregolaritajiet irrapportati, ara l-SWD imsemmi fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna, punt (ii).

Illustrazzjoni 1: Irregolaritajiet irrapportati bħala frodulenti fl-2018



2.5.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati

L-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulenti (li jinkludu każijiet ta' frodi ssuspettata jew stabbilita) u l-ammonti assoċjati mhumiex indikatur dirett tal-livell ta' frodi li jaffettwa l-baġit tal-UE. Dawn sempliċiment juru kemm-il każ ta' frodi potenzjali qed jiġi identifikat u rrapportat mill-Istati Membri u mill-korpi tal-UE.

Fl-2018, b'kollox ġew irrappurtati 1 152 irregolarità bħala frodulenti (jiġifieri 10% tal-irregolaritajiet kollha identifikati u rrapportati)[29], li jinvolvu madwar EUR 1 197,2 miljun (li jirrappreżentaw 48% tal-ammonti finanzjarji kollha affettwati mill-irregolaritajiet)[30] u li jkopru kemm in-nefqa kif ukoll id-dħul, kif muri fl-Figure 1.

L-għadd ta' irregolaritajiet frodulenti rrapportati fl-2018 baqa' stabbli meta mqabbel mal-2017, filwaqt li l-ammonti finanzjarji involuti żdiedu b'perċentwal sinifikanti ta' 183 %. Meta wieħed iħares lejn perjodu ta' ħames snin (2014-2018), dan kien 27% anqas mill-2014, u 16% anqas mill-medja ta' ħames snin. L-impatt finanzjarju jvarja b'mod sinifikanti (ara l-Illustrazzjoni 4), peress li jista' jkun affettwat minn każijiet individwali li jinvolvu somom kbar. Ir-raġunijiet għaż-żieda qawwija fl-2018 huma relatati mal-politika ta' koeżjoni u, għalhekk, huma indirizzati fil-paragrafu 4.3.2.1.

---

29 Dan l-indikatur huwa l-"livell tal-frekwenza tal-frodi" (FFL). Ara t-Taqsima 2.3.2 tal-SWD *Methodology regarding the statistical evaluation of reported irregularities for 2015* (SWD(2016) 237 final).

30 Dan l-indikatur huwa l-"livell tal-ammont tal-frodi" (FAL). Ara t-Taqsima 2.3.3 tad-dokument imsemmi fin-nota **Error! Bookmark not defined.** ta' qiegħ il-paġna.

Illustrazzjoni 2: L-irregolaritajiet irrapportati bħala frodulenti u l-ammonti assoċjati, 2014-2018



Analiżi tal-irregolaritajiet frodulenti kollha rrapportati fl-2018, skont l-Istat Membru u skont is-settur tal-bağit, hija ppreżentata fl-Anness 1.

2.5.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati u rrapportati

Fl-2018, il-Kummissjoni ġiet innotifikata b'10 487 irregolarità irrapportati bħala mhux frodulenti (madwar 27% anqas mill-2017). Iċ-ċifri naqsu għas-setturi kollha ħlief qabel l-adeżjoni. L-ammonti finanzjarji involuti naqsu b'37% għal madwar EUR 1,3 biljun, kif muri fl-Figure 3.

Analiżi tal-irregolaritajiet mhux frodulenti kollha rrapportati fl-2018, skont l-Istat Membru u skont is-settur tal-bağit, hija ppreżentata fl-Anness 2.

Illustrazzjoni 3: Irregolaritajiet irrapportati bħala mhux frodulenti fl-2018

2018 BUDGET

KUMPLESSIVAMENT

10 487 irregolarità rrapportati bħala mhux frodulenti (-27%)

EUR 1 294,6 m (-37%)

NEFQA

6 396 irregolarità rrapportati bħala mhux frodulenti (-4%)

EUR 844,9 m involuti (-48 %)

0,58 % tal-pagamenti tal-2018





DĦUL

4 090 irregolarità rrapportati bħala mhux frodulenti (-10 %)

EUR 449,7 m involuti (+12 %)

1,78 % tal-ammont gross tat-TOR miġbura għall-2018

2.5.3. Investigazzjonijiet tal-OLAF

Fl-2018, l-OLAF fetaħ 219-il investigazzjoni u għalaq 167, filwaqt li rrakkomanda rkupri finanzjarji li jammontaw għal EUR 371 miljun. Sa tmiem is-sena, kienu għadhom għaddejjin 414-il investigazzjoni[31].

3. POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI KONTRA L-FRODI — DĦUL

3.1. Miżuri kontra l-frodi tal-Istituzzjonijiet tal-UE – Dħul

3.1.1. Assistenza amministrattiva reċiproka

3.1.1.1. Sistema ta' Informazzjoni għal Kontra l-Frodi (AFIS)

L-AFIS[32] huwa terminu umbrella għal sett ta' applikazzjonijiet tal-IT kontra l-frodi operat mill-Kummissjoni Ewropea (OLAF) li joħloq kuntatti mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, sabiex jiġi żgurat skambju puntwali u sigur ta' informazzjoni relatata mal-frodi bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u kompetenti tal-UE. Il-Portal tal-AFIS huwa infrastruttura unika u komuni għat-twassil tas-servizzi msemmija hawn taħt lil kważi 8 800 utent aħħari rreġistrat f'aktar minn 1 900 servizz kompetenti mill-Istati Membri, minn pajjiżi terzi msieħba, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, minn dipartimenti tal-Kummissjoni u minn istituzzjonijiet oħra tal-UE. Il-proġett AFIS ikopri żewġ oqsma ewlenin: (i) l-assistenza reċiproka f'affarijiet doganali; u (ii) il-ġestjoni tal-irregolaritajiet (li tkopri diversi setturi tan-nefqa).

L-AFIS issostni l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet doganali mas-sistema sikura ta' skambju ta' informazzjoni f'ħin reali VOCU (Unità ta' Koordinazzjoni tal-Operazzjonijiet Virtwali) użata għal operazzjonijiet doganali konġunti, posta elettronika sigura (AFIS-Mail), bażijiet ta' *data* bħas-CIS+ (Sistema ta' Informazzjoni Doganali) u FIDE (Bażi ta' *Data* ta' Identifikazzjoni tal-Fajls ta' Investigazzjoni Doganali) u għodod ta' analiżi bħall-A-TIS (Sistema ta' Informazzjoni dwar it-Tranżitu kontra l-Frodi).

Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS) hija għodda elettronika sigura li tgħin lill-Istati

[31] https://ec.europa.eu/anti-fraud/about-us/reports/olaf-report_mt.

[32] Il-bażi ġuridika tiegħu huwa r-Regolament 515/97 kif emendat bir-Regolament 1525/2015.

Membri fl-obbligu tagħhom li jirrapportaw l-irregolaritajiet misjuba fil-fondi agrikoli, strutturali, ta' koeżjoni u tas-sajd, fil-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), fl-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ISF) u fil-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FAD) kif ukoll fl-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni. Din issostni l-ġestjoni u l-analiżi tal-irregolaritajiet.

3.1.1.2. Operazzjonijiet doganali konġunti (JCOs)

Minbarra l-investigazzjonijiet tiegħu dwar il-każijiet ta' frodi tad-dħul, l-OLAF jikkoordina JCOs fuq skala kbira li jinvolvu sħab operazzjonali tal-UE u internazzjonali. Il-JCOs huma azzjonijiet immirati b'durata limitata li għandhom l-għan li jiġġieldu l-frodi u l-kuntrabandu ta' merkanzija sensittiva f'oqsma speċifiċi li jinsabu f'riskju u/jew f'rotot kummerċjali identifikati.

Fl-2018, l-OLAF ipprovda appoġġ f'5 JCOs. Il-modulu VOCU tal-AFIS intuża għall-iskambju sigur ta' informazzjoni f'erbgħa minn dawn il-JCOs. Minbarra l-appoġġ meħtieġ għall-pajjiżi rilevanti sabiex iwettqu azzjonijiet ikkoordinati permezz tal-infrastruttura teknika permanenti tal-OLAF, l-IT u l-għodod tal-komunikazzjoni, l-OLAF jipprovdi wkoll analiżi strateġika, appoġġ amministrattiv u appoġġ finanzjarju.

Dawn l-operazzjonijiet: (i) jgħinu sabiex tittejjeb l-effettività tas-servizzi doganali fit-twettiq ta' kontrolli mmirati fil-livell Ewropew; (ii) jidentifikaw fejn jinsabu r-riskji f'rotot kummerċjali speċifiċi; (i) jipproteġu lill-pubbliku u lin-negozji leġittimi billi jipprevjenu d-dħul ta' prodotti illegali fl-UE; u (iv) jissalvagwardjaw il-finanzi pubbliċi tal-UE.

L-Figure 4 tippreżenta sommarju ta' dawn l-operazzjonijiet.

Illustrazzjoni 4: JCOs fl-2018

Operazzjoni	Pajjiżi parteċipanti	Kamp ta' applikazzjoni	Riżultati
JCO Poseidon	Organizzata mid-Dwana Taljana f'kooperazzjoni mal-OLAF	Frodi tad-dħul	L-evalwazzjoni għadha għaddejja
L-Operazzjoni Konġunta ta' Kontroll fil-Fruntieri JANUS	Organizzata b'mod konġunt mill-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Moldova u għall-Ukrajna (EUBAM) u mill-OLAF	Kuntrabandu ta' prodotti tat-tabakk fil-fruntiera tal-Lvant tal-UE	Il-qbid ta' aktar minn 7 miljun sigarett
JCO Reġjonali MARCO	Operazzjoni ta' sorveljanza marittima reġjonali, ikkoordinata mid-Dwana Franċiża, fiż-żona tal-Atlantiku	Detezzjoni tat-traffikar illeċitu ta' merkanzija sensittiva bil-baħar	Aktar minn 200 veikolu mhux kummerċjali kienu vverifikati
Azzjoni Konġunta Hansa	Immexxija mid-Dwana tar-Renju Unit f'kooperazzjoni mal-Europol. L-OLAF ipprovda s-sistema AFIS għall-iskambju sigur tal-informazzjoni u ħa sehem fl-operazzjoni	Moviment intern ta' merkanzija illegali soġġetta għas-sisa, prinċipalment sigaretti	Qbid ta' għadd kbir ta' sigaretti u ta' prodotti oħra tat-tabakk
Operazzjoni SILVER AXE III	Organizzata mill-Europol bil-koperazzjoni tal-OLAF u bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet doganali, tal-pulizija u tas-servizzi għall-protezzjoni tal-pjanti minn 27 pajjiż	L-importazzjoni u l-kummerċ fl-Unjoni ta' prodotti foloz u illeċiti għall-protezzjoni tal-pjanti	Il-qbid ta' 360 tunnellata ta' pestiċidi illegali jew foloz

3.1.2. Assistenza reċiproka u dispożizzjonijiet kontra l-frodi fi ftehimiet internazzjonali

Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-ġlieda kontra l-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali hija bbażata fuq ftehimiet dwar assistenza amministrattiva reċiproka (MAA) fi kwistjonijiet doganali. Bħalissa hemm fis-seħħ ftehimiet ma' aktar minn 80 pajjiż, inkluż ma' msieħba kummerċjali ewlenin tal-UE, bħall-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Ġappun. Fl-2018, daħal fis-seħħ il-

Protokoll MAA ma' New Zealand. Barra minn hekk, ġew iffinalizzati n-negozjati mal-Mercosur (l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj) u maċ-Ċilì, u kienu għaddejjin dawk mal-Awstralja, mal-Indoneżja, mal-Ażerbajġan, mal-Kirgiġiżistan, mal-Użbekistan u ma' Andorra.

Il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles normalment ikun fihom klawżola kontra l-frodi, li tippermetti l-irtirar temporanju tal-preferenza tariffarja għal prodott f'każijiet ta' frodi doganali serja u nuqqas persistenti ta' kooperazzjoni adegwata sabiex tiġi miġġielda. L-OLAF jikkontribwixxi b'mod attiv għan-negozjati ta' dawn il-klawżoli. Fl-2018, intlaħaq ftehim dwar klawżola fil-livell tekniku mal-Mercosur u ma' New Zealand. Din il-klawżola ser tiġi introdotta wkoll fil-ftehim immodernizzat ta' kummerċ ħieles mal-Messiku.

Il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ tad-WTO (il-Ftehim ta' Bali), li l-UE hija parti għalih, ilu fis-seħħ mill-2017. L-Artikolu 12 dwar il-kooperazzjoni doganali jipprovdi għal possibbiltajiet addizzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi sabiex tiġi vverifikata dikjarazzjoni ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli sabiex tiġi ddubitata l-verità jew l-akkuratezza tad-dikjarazzjoni.

3.1.3. Il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali fil-prodotti tat-tabakk

Minbarra r-rwol tiegħu ta' infurzar fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tat-tabakk, l-OLAF jgħin ukoll sabiex tissaħħaħ il-politika tal-UE f'dan il-qasam.

Pjan ta' azzjoni - Fis-7 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pjan ta' azzjoni ġdid[33] li jippermetti lill-Unjoni Ewropea tkompli tiġġieled kontra l-kummerċ illegali tat-tabakk, fenomenu li jċaħħad lill-UE u lill-Istati Membri tagħha minn madwar EUR 10 biljun fi dħul pubbliku kull sena. Il-pjan ta' azzjoni jiddeskrivi passi konkreti sabiex jiġu indirizzati kemm il-provvista ta' prodotti tat-tabakk illegali kif ukoll id-domanda għalihom. Barra minn hekk, bħal dak ta' qablu, it-tieni pjan ta' azzjoni jippreżenta miżuri ta' infurzar tal-liġi kemm politiċi kif ukoll operazzjonali peress li hija biss taħlita ta' dawn li tista' twassal għal tnaqqis sostenibbli fil-kummerċ illeċitu tat-tabakk. Il-pjan ta' azzjoni l-ġdid jibni fuq l-analiżi tal-istrateġija tal-2013 sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tat-tabakk. Din tiżgura kontinwità billi żżomm il-fokus fuq il-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk (Protokoll FCTC) fuq livell globali u l-implimentazzjoni b'suċċess tas-sistema l-ġdida ta' traċċabilità għall-prodotti tat-tabakk fl-UE.

Protokoll FCTC - Il-Protokoll jgħin b'mod effettiv sabiex iwaqqaf il-kummerċ illeċitu biss jekk jiġi implimentat ukoll minn pajjiżi terzi li jkunu s-sors ewlieni ta' prodotti illeċiti tat-tabakk, jew ikunu pajjiżi ta' tranżitu fir-rotot tal-kuntrabandu. Il-Kummissjoni qiegħda tintensifika l-isforzi tagħha sabiex tippromwovi l-Protokoll barra l-UE filwaqt li qed tgħin lill-Istati Membri sabiex ilestu malajr il-proċeduri interni ta' ratifika tagħhom. L-OLAF huwa involut f'dawn id-diskussjonijiet fix-xena Ewropea u internazzjonali.

Il-Protokoll FCTC daħal fis-seħħ fil-25 ta' Settembru 2018. Il-Kummissjoni Ewropea, immexxija mill-OLAF, f'kooperazzjoni msaħħa mal-Presidenza tal-Kunsill, ħadet sehem fl-ewwel Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll li saret bejn it-8 u l-10 ta' Ottubru 2018. Il-partijiet iddeċidew li jiffokaw fuq l-iżgurar tal-katina tal-provvista tal-prodotti tat-tabakk u fuq il-kooperazzjoni internazzjonali u l-OLAF ser ikompli jikkontribwixxi għal din il-ħidma f'livell internazzjonali.

3.1.4. Kooperazzjoni relatata mal-ġlieda kontra l-frodi maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC)

Għall-ilħuq tal-objettivi tal-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam doganali, l-OLAF jikkoopera mill-qrib mal-JRC tal-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-proġetti kbar li ġejjin:

Għodda awtomatizzata ta' monitoraġġ (AMT) għall-analiżi tal-"big data". L-AMT tikkalkola l-istimi tal-prezzijiet tal-linja bażi għall-merkanzija importata fl-UE, għal kull taħlita ta' prodotti, ta' oriġini minn pajjiż terz u ta' destinazzjoni ta' Stat Membru. Hija tiġġenera wkoll twissijiet awtomatizzati għal prezzijiet barra min-norma fid-*data* kummerċjali.

L-analiżi tad-*data* għal skopijiet ta' kontra l-frodi doganali (INTEL4CUSTAF) – Il-proġett iffinanzjat minn Hercule III INTELF4CUSTAF ġie stabbilit fl-2018 mill-OLAF, wara talbiet mill-Istati Membri. Il-proġett ilaqqa' flimkien id-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, sabiex jidentifikaw modi ta' kif jista' jsir l-aħjar użu minn sorsi ta' *data* u minn tekniki analitiċi ġodda u emerġenti. B'mod ġenerali, dan il-proġett ser iwassal għal kapaċitajiet analitiċi mtejba madwar l-UE kollha fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi doganali. Iż-żewġ workshops organizzati fl-

[33] https://ec.europa.eu/anti-fraud/media-corner/news/07-12-2018/new-action-plan-reaffirms-commission-leading-role-fight-against_mt.

2018 attendew għalihom firxa wiesgħa ta' esperti u ta' pajjiżi li ddiskutew medda ta' ħtiġijiet u ta' approċċi eżistenti. Sa tmiem is-sena, il-komunità kienet imsawra minn madwar 100 espert. Il-ħidma tkompli fl-2019.

Il-Messaġġi dwar l-Istatus tal-Kontejner u l-analiżi tad-dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni – l-appoġġ xjentifiku u teknoloġiku tal-JRC kien strumentali għall-verifika tal-konformità mar-Regolament 2015/1525, li jemenda r-Regolament 515/97 dwar is-sottomissjoni ta' Messaġġi dwar l-Istatus tal-Kontejner (MIK). Ġew żviluppati diversi indikaturi statistiċi sabiex jiġu mmonitorjati kontinwament il-kwalità u l-kompletezza tal-MIK irrapportati mill-industrija marittima. Barra minn hekk, fil-qafas tas-servizzi tal-Contraffic-SAD, ġew iġġenerati 191 sinjal ta' frodi għall-perjodu Jannar 2017 – Ottubru 2018 għal evażjoni potenzjali totali tad-dazji doganali ta' EUR 1,9 miljun. Dawn is-sinjali ta' frodi rriżultaw mill-analiżi awtomatika magħmula mill-JRC ta' aktar minn 4 miljun dikjarazzjoni tal-importazzjoni.

L-analiżi tat-tabakk u l-ġestjoni tad-*data* (TOBLAB) – Fl-2015, l-OLAF ikkonkluda arranġament amministrattiv mal-JRC-Geel *"Tħaddim ta' faċilità tal-laboratorju u ġestjoni assoċjata tad-data għall-analiżi tal-prodotti tat-tabakk" (TOBLAB)* iffinanzjat permezz tal-programm Hercule III. TOBLAB se jipprovdi appoġġ xjentifiku u tekniku għall-ġestjoni tad-*data* tar-riżultati tal-ittestjar. Fl-2018, twettqu 103 analiżi tat-tabakk u tal-prodotti tat-tabakk fil-JRC.

3.1.5. Ġlieda kontra l-frodi tal-VAT[34]

Il-modifika tar-Regolament tal-Kunsill 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tal-VAT

F'Ottubru 2018, ġie introdott sett ta' modifiki[35] fil-qafas ġuridiku għall-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tal-VAT (ir-Regolament tal-Kunsill 904/2010) sabiex tiżdied il-kapaċità tal-Istati Membri fl-indirizzar tal-iskemi ta' frodi tal-VAT li huma l-aktar dannużi u titnaqqas id-diskrepanza fil-VAT, li fl-2016 kienu jammontaw għal EUR 147,1 biljun. Il-miżuri ewlenin huma:

- Inkjesti amministrattivi konġunti

It-twettiq ta' inkjesta amministrattiva huwa parti integrali mill-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. Dan l-istrument ġdid ta' kooperazzjoni ġie introdott sabiex jagħti spinta lill-kapaċità tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa li jikkontrollaw il-provvisti transfruntiera. Jippermetti li żewġ amministrazzjonijiet tat-taxxa jew aktar jifformaw tim wieħed sabiex jeżaminaw it-tranżazzjonijiet transfruntiera ta' persuna taxxabbli relatata waħda jew aktar li twettaq attivitajiet transfruntiera.

Barra minn hekk, meta tal-anqas żewġ Stati Membri jqisu li tkun meħtieġa inkjesta amministrattiva dwar l-ammonti ddikjarati minn persuna taxxabbli li ma tkunx stabbilita fit-territorju tagħhom iżda li tkun taxxabbli fihom, l-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-persuna taxxabbli għandu jagħmel l-inkjesta u l-Istati Membri rikjedenti għandhom jassistu lill-Istat Membru ta' stabbiliment billi jieħdu sehem fl-inkjesta b'mod attiv. Din il-miżura hija partikolarment rilevanti għall-ġlieda kontra l-frodi fis-settur tal-kummerċ elettroniku.

- Eurofisc

Il-Eurofisc ġie stabbilit għall-iskambju rapidu ta' informazzjoni mmirata bejn l-Istati Membri sabiex jiġu indirizzati x-xejriet fuq skala kbira jew ġodda ta' frodi tal-VAT. Sabiex tħaffef l-ipproċessar u l-analiżi konġunti tad-*data*, il-Kummissjoni bħalissa qed tniedi softwer ġdid imsejjaħ Analiżi tan-Netwerk tat-Tranżazzjonijiet (TNA).

Sabiex jiġi mmassimizzat il-potenzjal tat-TNA fl-identifikazzjoni ta' netwerks frodulenti madwar l-UE kollha, ir-Regolament emendat (UE) Nru 904/2010 jiċċara d-dispożizzjoni għall-ipproċessar u għall-analiżi konġunti tad-*data* fil-Eurofisc. L-involviment f'tali ipproċessar u analiżi għadu volontarju, iżda l-Istati Membri jridu jagħtu lill-uffiċjali tal-Eurofisc aċċess għad-*data* tas-sistema tagħhom ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-VAT (VIES) li tikkonċerna tranżazzjonijiet intra-UE permezz tat-TNA, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati netwerks potenzjali ta' frodi, inklużi dawk li jinvolvu negozjanti stabbiliti fi Stati Membri mhux parteċipanti.

Fuq il-bażi tal-emendi tal-2018, il-Eurofisc se jikkoordina l-inkjesti amministrattivi mnedija fuq il-bażi tal-analiżijiet tar-riskju tiegħu. L-

[34] Fil-25 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-proposta COM(2018) 329 rigward l-introduzzjoni tal-miżuri tekniċi ddettaljati għall-operazzjoni tas-sistema tal-VAT definittiva għat-tassazzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri li, skont il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tagħha, għandha tnaqqas il-frodi transfruntier tal-VAT b'sa EUR 41 biljun fis-sena. Din il-proposta għadha qed tiġi diskussa fil-Kunsill.

[35] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1541 tat-2 ta' Ottubru 2018 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 904/2010 u (UE) 2017/2454 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 291, 16.10.2018, p. 1.

uffiċjali tal-Eurofisc spiss ikunu l-ewwel li jitwissew dwar netwerks frodulenti ġodda, u għandhom għarfien espert kbir dwar frodi serja tal-VAT. Għalhekk, huma jkunu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jikkoordinaw l-inkjesti amministrattivi korrispondenti.

Ir-Regolament 2018/1541 fetaħ ukoll il-possibbiltà li l-uffiċjali tal-Eurofisc jgħaddu informazzjoni dwar ix-xejriet, ir-riskji u l-każijiet serji ta' frodi tal-VAT lill-Europol u lill-OLAF għall-kontroverifika mar-rekords tagħhom. Dan ikopri, b'mod partikolari, l-aktar frodi dannuża tal-VAT, bħalma huma skemi intrakomunitarji b'negozjant nieqes (MTIC) u abbużi tal-"proċedura 42"[36] doganali li spiss jinvolvu organizzazzjonijiet kriminali, li jisfruttaw in-netwerks internazzjonali tagħhom sabiex joħolqu skemi avvanzati tal-MTIC sabiex jestorsjonaw flus mill-baġits nazzjonali.

Il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE tippermetti l-kontroverifika tal-informazzjoni tal-Eurofisc mar-rekords kriminali, mal-bażijiet ta' *data* u ma' informazzjoni oħra miżmuma mill-OLAF u mill-Europol u tgħin sabiex jiġu identifikati l-awturi reali tal-frodi u n-netwerks tagħhom. L-OLAF jikseb, b'mod partikolari, informazzjoni rilevanti fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tiegħu dwar il-frodi doganali, li hija intrinsikament marbuta mal-frodi tal-VAT bħall-frodi tal-"proċedura 42" doganali.

- Żvelar ta' każijiet serji ta' frodi tal-VAT li jinvolvu tal-anqas żewġ Stati Membri lill-OLAF u lill-UPPE

L-Istati Membri li jieħdu sehem fl-UPPE għandhom jikkomunikaw lilu l-informazzjoni dwar l-aktar reati serji tal-VAT kif imsemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva PIF. Dawn ikunu każijiet li jinvolvu attività f'żewġ Stati Membri jew aktar u b'dannu totali minimu ta' EUR 10 miljun.

L-OLAF jibqa' responsabbli għall-investigazzjonijiet amministrattivi dwar irregolaritajiet mhux frodulenti u frodulenti li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE. Għalhekk, il-mandat u l-kompetenza tiegħu dwar il-frodi tal-VAT imorru lil hinn minn dawk il-każijiet identifikati bħala l-aktar serji fl-Artikolu 2(2). Barra minn hekk, peress li mhux l-Istati Membri kollha ser ikunu parti mill-UPPE, l-OLAF ikompli bl-investigazzjonijiet amministrattivi tiegħu fir-rigward ta' Stati Membri mhux parteċipanti bl-istess mod kif kien jagħmel qabel[37].

L-OLAF jista' wkoll jiffaċilita u jikkoordina l-investigazzjonijiet dwar il-frodi tal-VAT billi juża l-approċċ multidixxiplinari tiegħu, kif ukoll billi jipprovdi analiżi u intelligence. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-OLAF informazzjoni dwar ir-reati tal-VAT fejn iqisu li dan ikun xieraq għall-eżekuzzjoni tal-mandat tiegħu.

- Kondiviżjoni ta' *data* dwar il-proċeduri doganali 42/63 mal-awtoritajiet tat-taxxa

Mill-2020, l-informazzjoni rilevanti dwar il-proċeduri doganali msejħa l-"proċedura 42" u l-"proċedura 63"[38] sottomessa b'mod elettroniku mad-dikjarazzjoni doganali (eż. in-numri tal-VAT, il-valur tal-merkanzija importata, it-tip ta' komoditajiet, eċċ.) se tkun kondiviża mill-Istat Membru tal-importazzjoni mal-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istat Membru tal-klijent. Għalhekk, l-awtoritajiet tat-taxxa fiż-żewġ pajjiżi ser ikunu jistgħu jagħmlu kontroverifika ta' din l-informazzjoni mal-informazzjoni rrapportata mill-importatur fid-dikjarazzjoni rikapitolattiva u fid-dikjarazzjoni tal-VAT tiegħu, u mir-riċevitur fid-dikjarazzjoni tal-VAT tiegħu. Dan jippermetti l-verifika immedjata tal-importatur, jekk in-numru tal-VAT tal-klijent, għalkemm validu, ikun ġie sfruttat mill-importatur u jippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa jidentifikaw każijiet ta' sottovalutazzjoni fil-mument tal-importazzjoni.

- Il-kondiviżjoni ta' *data* dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi mal-awtoritajiet tat-taxxa

L-emendi tal-2018 introduċew ukoll l-iskambju ta' *data* dwar ir-reġistrazzjonijiet tal-karozzi. L-uffiċjali tal-Eurofisc jużaw dan sabiex jindirizzaw frodi transfruntier li jinvolvi l-bejgħ ta' karozzi użati u sabiex jidentifikaw malajr min ikun wettaq it-tranżazzjonijiet frodulenti u fejn.

Ftehim UE-Norveġja

Il-Ftehim bejn l-UE u n-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza għall-irkupru fil-qasam tal-VAT daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2018.

L-għan tal-ftehima huwa l-koperazzjoni msaħħa, il-ġlieda kontra l-frodi u l-assistenza għall-irkupru ta' talbiet fil-qasam tal-VAT. Jippermetti lin-Norveġja tieħu sehem fl-għodod ta'

36 Il-Proċedura Doganali 42 hija reġim li jippermetti lill-importaturi sabiex, f'ċerti kundizzjonijiet, jiksbu eżenzjoni mill-VAT fuq l-importazzjoni meta l-merkanzija importata sussegwentement tiġi ttrasportata mill-Istat Membru tal-importazzjoni lejn Stat Membru ieħor tal-UE.

37 Ara wkoll il-paragrafu 2.2.1 dwar il-koperazzjoni OLAF-UPPE.

38 L-importazzjoni mill-ġdid flimkien ma' dħul għaċ-ċirkolazzjoni libera u l-użu domestiku ta' merkanzija soġġetta għal provvista suċċessiva b'rata żero.

kooperazzjoni eżistenti fost l-Istati Membri, bħall-iskambju ta' informazzjoni u l-inkjesti amministrattivi, assistenza dwar notifiki amministrattivi, il-preżenza f'uffiċċji amministrattivi u l-parteċipazzjoni f'inkjesti amministrattivi, il-parteċipazzjoni f'xi oqsma ta' ħidma tal-Eurofisc, kontrolli simultanji, kif ukoll assistenza għall-irkupru ta' talbiet.

3.2. Miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi – dħul

Ħdax-il Stat Membru rrapportaw miżuri sabiex jiġġieldu l-frodi doganali u tat-taxxa. Dawn jinkludew:

- l-irfinar tal-indikaturi ta' riskju sabiex tiġi indirizzata s-sottovalutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni[39];
- l-immirar tal-kummerċ elettroniku[40];
- miżuri organizzazzjonali bl-għan li joħolqu jew iżidu l-kapaċità ta' intelligence tad-dipartimenti/tal-unitajiet[41];
- l-introduzzjoni ta' għodod ġodda tal-IT[42]; u
- l-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta' ħlas maqsum sabiex titnaqqas il-frodi tal-VAT[43].

3.3. Statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati – dħul

Figure 5 tippreżenta d-*data* statistika ewlenija u s-sejbiet dwar l-irregolaritajiet misjuba u rrapportati għat-TOR. Kemm għall-irregolaritajiet frodulenti kif ukoll għal dawk li mhumiex frodulenti, tnaqqis fin-numru ta' każijiet irrapportati meta mqabbel mal-medja ta' ħames snin huwa, però, akkumpanjat minn żieda fl-ammonti relatati.

[39] L-Estonja, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovakkja u s-Slovenja.
[40] L-Estonja u n-Netherlands.
[41] L-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Latvja u Malta.
[42] Il-Finlandja.
[43] Il-Polonja.

Illustrazzjoni 5: TOR - Il-fatti u x-xejriet ewlenin

3.3.1. Identifikazzjoni ta' irregolaritajiet frodulenti[44]

L-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulenti għall-2018 huwa 20% anqas mill-medja fuq ħames snin (594 irregolarità għall-perjodu 2014-2018). L-ammont affettwat tat-TOR stmat u stabbilit huwa 37% ogħla (EUR 120 miljun).

Ir-rapport preċedenti informa dwar każijiet ta' sottovalutazzjoni identifikati fir-Renju Unit li affettwaw id-dħul tat-TOR. Ir-rapport ta' investigazzjoni tal-OLAF maħruġ fl-1 ta' Marzu 2018 xeħet dawl fuq id-dimensjoni tal-frodi ta' sottovalutazzjoni li jikkonċerna t-tessuti u ż-żraben importati miċ-Ċina permezz tar-Renju Unit.

Bħala konsegwenza ta' din l-investigazzjoni kif ukoll ta' dawk l-investigazzjonijiet immexxija mill-Kummissjoni fil-qafas tal-ġestjoni tar-riżorsi proprji, fit-8 ta' Marzu 2018 il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ proċedura formali ta' ksur billi tibgħat Ittra ta' Avviż Formali lir-Renju Unit skont l-Artikolu 258 TFUE. Il-każ eventwalment ġie riferit lill-QĠUE fis-7 ta' Marzu 2019. Għaldaqstant, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ BUDG żamm ir-riżerva fir-Rapport ta' Attività Annwali tal-2018 dwar l-ineżattezza tal-ammonti tat-TOR ittrasferiti lill-baġit tal-UE mir-Renju Unit.

3.3.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati

In-numru ta' irregolaritajiet irrapportati bħala mhux frodulenti għall-2018 huwa 10% anqas mill-medja ta' ħames snin (4 545 għas-snin 2014-2018), filwaqt li l-ammont affettwat huwa 17% ogħla (EUR 384 miljun).

Prinċipalment, l-irregolaritajiet mhux frodulenti ġew identifikati permezz ta' kontrolli ta' wara r-rilaxx. Madankollu, il-kontrolli doganali qabel jew fil-ħin tar-rilaxx tal-merkanzija jibqgħu indispensabbli sabiex tiġi indirizzata s-sottovalutazzjoni u d-detezzjoni ta' tipi jew ta' xejriet ġodda ta' frodi jew ta' irregolaritajiet. Id-dħul volontarju sar sors dejjem aktar importanti sabiex jiġu identifikati l-irregolaritajiet.

4. POLITIKI, MIŻURI U RIŻULTATI SETTORJALI KONTRA L-FRODI — NEFQA

4.1. Politiki u miżuri settorjali kontra l-frodi tal-Istati Membri li jinvolvu diversi setturi tan-nefqa

L-Istati Membri rrapportaw diversi miżuri li jindirizzaw fondi differenti fl-istess ħin, l-aktar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE)[45]. Uħud mill-miżuri jestendu għal fondi oħra taħt ġestjoni kondiviża, bħall-AMIF, il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) u l-Fond Ewropew ta'

---

[44] Għal informazzjoni dwar l-irkupru tal-ammonti tat-TOR affettwati minn frodi u minn irregolaritajiet, ara l-SWD imsemmi fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna, il-punt (ii).

[45] Il-FSIE jkopru b'mod ġenerali l-politiki agrikoli, tas-sajd u ta' koeżjoni.

Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG). Il-miżuri huma differenti ħafna fin-natura u fl-iskop tagħhom, u jvarjaw mit-tisħiħ tal-kontroll *ex ante* fuq l-akkwist pubbliku taħt il-fondi Ewropej[46] sa rieżami tas-sistema għall-irkupru u għall-korrezzjonijiet finanzjarji[47]; mill-valutazzjonijiet ta' riskju, il-bnadar l-ħomor u l-għodod tal-IT (bħall-ARACHNE)[48] sa korsijiet ta' taħriġ dwar kwistjonijiet trażversali speċifiċi[49][50].

4.2. Agrikoltura — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi

4.2.1. Agrikoltura — miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi

Ħames Stati Membri rrapportaw miżuri kontra l-frodi speċifiċi għall-agrikoltura. Dawn jikkonċernaw:

- pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-ġestjoni u għall-kontroll tal-akkwist pubbliku fl-iżvilupp rurali[51];
- it-tisħiħ tal-istruttura kontra l-frodi ta' aġenzija tal-pagamenti[52];
- L-istabbiliment ta' sistema ta' twissija sabiex ikunu identifikati fatti li jindikaw frodi jew tentattiv ta' frodi[53];
- it-tisħiħ tal-prevenzjoni permezz tal-iżgurar tal-ġestjoni diretta u tas-superviżjoni tal-identifikazzjoni u tal-kontroll tal-art agrikola u permezz tad-determinazzjoni tal-oqsma eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)[54]; u
- l-iżvilupp ta' analiżi tar-riskju ta' frodi għat-tħejjija ta' inventarju tar-riskji ta' frodi fil-proċessi differenti, bl-użu tal-mudell tar-riskju ta' frodi tal-Kummissjoni[55].

Żewġ Stati Membri rrapportaw miżuri li jikkonċernaw kemm l-agrikoltura kif ukoll is-sajd. Tali miżuri jirreferu għal:

- eżaminazzjoni fil-fond tal-ksur identifikat u l-iżvilupp ta' metodoloġija sabiex dan jiġi ssanzjonat[56]; u
- attivitajiet ta' taħriġ, l-aġġornar tal-indikaturi ta' frodi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u l-kundizzjonijiet maħluqa artifiċjalment għall-impjegati ta' Aġenzija għas-Swieq Agrikoli u għall-iżvilupp rurali[57].

4.2.2. Agrikoltura — statistiki dwar irregolaritajiet u frodi identifikati

Il-politika agrikola komuni (PAK) tħaddan żewġ komponenti ewlenin (ara l-Figure 7):

- appoġġ dirett (SA), permezz ta' pagamenti diretti lill-bdiewa (DA) u miżuri ta' appoġġ għas-suq (MM), iffinanzjati mill-FAEG; u
- l-iżvilupp rurali (RD), primarjament iffinanzjat permezz tal-FAEŻR.

Il-FAEG isegwi ċiklu ta' implimentazzjoni annwali, filwaqt li l-FAEŻR jiffinanzja programmi pluriennali.

It-tendenza tal-irregolaritajiet identifikati u rrapportati mill-Istati Membri tul dawn l-aħħar ħames snin hija influwenzata minn dawn id-differenzi: Is-SA juri tendenza stabbli u kostanti, filwaqt li r-RD juri kurvatura li tilħaq l-ogħla livell fl-2015 u mbagħad tonqos. L-analiżi tal-irregolaritajiet identifikati mill-Istati Membri tikkonferma r-riskju ogħla assoċjat mal-investimenti tal-MM u tal-RD[58], f'konformità mas-sejbiet ewlenin tal-awditi tal-QEA u tal-Kummissjoni. L-impatt fuq il-ħlasijiet ta' irregolaritajiet li jaffettwaw is-SA huwa baxx f'livell aċċettabbli, filwaqt li r-RD jippreżenta livell ogħla ta' riskju. Madankollu, fi ħdan is--SA, l-MM juru l-ogħla rati ta' detezzjoni tal-PAK kollha kemm hi.

Illustrazzjoni 6: Rati ta' detezzjoni skont il-komponent tal-PAK

Rati ta' detezzjoni skont il-komponent tal-PAK		
Pagamenti diretti: FDR: 0,01% IDR: 0,07 % Total: 0,1 %	Miżuri tas-suq: FDR: 1,07 % IDR: 1,37 % Total: 2,4 %	Żvilupp Rurali: FDR:0,23% IDR: 1,13 % Total: 1,4 %

46 Spanja u s-Slovakkja.
47 Il-Greċja.
48 Ir-Rumanija u Spanja.
49 Ir-Renju Unit.
50 Għal ħarsa ġenerali sħiħa, ara l-paragrafu 6.1 tal-SWD imsemmi fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna, il-punt (i).
51 L-Awstrija.
52 L-Italja.
53 Il-Lussemburgu.
54 Is-Slovakkja.
55 Il-Belġju.
56 Il-Litwanja.
57 Is-Slovenja.
58 Il-valutazzjonijiet kollha ppreżentati f'din it-taqsima huma bbażati fuq is-sejbiet deskritti fil-Kapitolu 3 tal-SWD imsemmi fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna, punt (ii).

4.2.2.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati

Għas-snin ta' rapportar mill-2014 sal-2018, ix-xejriet ewlenin għal irregolaritajiet frodulenti huma pjuttost stabbli.

F'numri assoluti, il-maġġoranza ta' frodi potenzjali misjuba u l-ammonti finanzjarji relatati affettwati mir-RD. Din il-predominanza hija aktar evidenti jekk wieħed iqis li 20% biss tar-riżorsi tal-PAK imorru għar-RD. Madankollu, l-MM, irrispettivament minn xi ftit każijiet li jinvolvu somom kbar ħafna, juru l-ogħla ammont finanzjarju medju ta' frodi potenzjali u l-ogħla indikaturi relatati mal-frodi (ara l-Figure 6).

Illustrazzjoni 7: Politika agrikola - fatti u ċifri ewlenin



L-analiżi speċifika ta' din is-sena dwar il-konċentrazzjoni tad-detezzjoni/tar-rapportar[59] mill-Istati Membri fir-rigward tal-ħlasijiet riċevuti tenfasizza li ftit huma l-pajjiżi li jirrapportaw sehem sinifikanti tal-irregolaritajiet frodulenti, li mhuwiex proporzjonat għad-distribuzzjoni tal-pagamenti bejn l-Istati Membri. Filwaqt li għall-pagamenti diretti dan jidher li huwa marbut ma' kwistjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi fejn hemm l-akbar detezzjoni, fir-rigward tal-MM u tal-RD, l-ispjegazzjoni tista' tkun l-approċċi mhux omoġenji għall-użu tad-dritt kriminali sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE.

Din l-aħħar konklużjoni tidher li ssaħħet ukoll mill-analiżi tal-proporzjon ta' każijiet miċħuda[60], li jvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri u huwa ogħla fl-agrikoltura milli fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni. L-awtoritajiet ġudizzjarji jidher li huma anqas inklinati li jħarrku għal reati allegati f'dan is-settur.

4.2.2.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati

Bħala regola ġenerali, ix-xejriet deskritti fit-Taqsima 4.2.2 japplikaw ukoll għal irregolaritajiet irrapportati bħala mhux frodulenti. L-irregolaritajiet osservati għar-RD huma prevalenti kemm numerikament kif ukoll f'termini ta' ammonti finanzjarji totali. Madankollu, l-ammont medju involut f'każijiet tas-SA huwa ogħla. Għal darb'oħra, ftit każijiet li kienu jirrigwardaw il-miżuri tas-suq u li kienu jinvolvu ammonti kbar ikkontribwew għal din il-medja ogħla. Madankollu, anke jekk jiġu esklużi dawn il-każijiet eċċezzjonali, l-ammont finanzjarju medju ta' irregolaritajiet mhux frodulenti fil-miżuri tas-suq tal-2014-2018 xorta waħda jibqa' ogħla minn dak tal-każijiet tal-RD. L-ammont finanzjarju medju ta' irregolaritajiet mhux frodulenti rigward id-DA huwa l-aktar wieħed baxx.

Fost l-aktar irregolaritajiet mhux frodulenti rikorrenti identifikati u rrapportati, dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-azzjoni appoġġjata, mal-pretensjonijiet tal-pagamenti u mal-provi dokumentarji huma l-aktar frekwenti.

L-MM juru wkoll l-ogħla Rata ta' Detezzjoni ta' Irregolaritajiet (IDR), segwiti mir-RD. Mill-ġdid, dan huwa influwenzat minn ftit każijiet li jinvolvu ammonti finanzjarji kbar.

Illustrazzjoni 8: Miżuri tas-suq l-aktar affettwati minn irregolaritajiet (frodulenti u mhux frodulenti)

59 *Ibidem*, il-paragrafu 3.4.3.

60 *Ibidem*, il-paragrafu 3.4.4.

Miżuri tas-suq affettwati		
Prodotti tas-settur tal-vitikultura	Frott u ħxejjex	Laħam tal-majjal, bajd u tjur tat-trobbija, prodotti tat-trobbija tan-naħal u prodotti ta' annimali oħra

4.3. Politika ta' koeżjoni u tas-sajd — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi

4.3.1. Politika ta' koeżjoni u tas-sajd — Miżuri tal-Istati Membri kontra l-frodi

Erbatax-il pajjiż irrapportaw li kienu adottaw miżuri tal-politika ta' koeżjoni. Kien f'dan il-qasam li ġie adottat l-ogħla numru ta' inizjattivi, primarjament dawk operazzjonali.

Illustrazzjoni 9: Miżuri adottati mill-Istati Membri fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni

Arachne, għodod ġodda tal-IT jew aċċessibbiltà estiża

Introduzzjoni tal-għodda tal-għoti ta' punteġġ tar-riskju Arachne: BE, HU, IE

Żvilupp ta' metodoloġija għall-użu tas-sinjali ARACHNE: NL

Għodod oħra tal-IT: FI, HU, LU

Għodda għall-informaturi: PT

Strateġiji settorjali jew reġjonali, koordinazzjoni nazzjonali



Strateġiji reġjonali: DE (3)

Strateġija settorjali: PT

Memorandum ta' qbil bejn l-awtoritajiet nazzjonali (kontra l-korruzzjoni): IT

Miżuri oħrajn

Mekkaniżmu ta' verifika fuq il-garanziji tal-banek: PL

Taħriġ sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-awditjar: EL

Id-Danimarka rrapportat miżura speċifika waħda ddedikata għas-sajd.

Illustrazzjoni 10: Politiki ta’ koeżjoni u tas-sajd - fatti u illustrazzjonijiet ewlenin

Politika ta’ koeżjoni u s-sajd

- Qafas pluriennali
- Madwar 34% mill-baġit tal-UE tal-2018
- Irregolaritajiet relatati ma’ diversi perjodi ta’ programmazzjoni, iżda prinċipalment l-2014-2020



Irregolaritajiet irrapportati

- 363 identifikati u rrapportati bħala frodulenti fl-2018 (+5%); EUR 959,6 miljun (+199 %)
- 1 939 identifikati u rrapportati bħala mhux frodulenti fl-2018 (-64%); EUR 599,6 miljun (-57 %)
- **Indikaturi ewlenin:**
  - **FDR:** 0,47% (PP 2007-2013); 0,86 % (PP 2014-2020);
  - **IDR:** 2,52 % (PP 2007-2013); 0,34 % (PP 2014-2020);

Modus operandi

- Frodulenti: tbagħbis ma’ evidenza dokumentata (falza jew iffalsifikata)
- Mhux frodulenti: ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku, eliġibbiltà tan-nefqa

4.3.2. *Politika ta' koeżjoni u s-sajd — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati*

Analiżi tal-politika ta' koeżjoni hija aktar kumplessa minn dik ta' setturi baġitarji oħra, għaliex l-informazzjoni riċevuta (l-irregolaritajiet irrapportati) hija relatata ma' perjodi ta' programmazzjoni differenti (PPs) u ma' regoli parzjalment differenti.

Barra minn hekk, il-PPs huma pluriennali, u dan jaffettwa b'mod sinifikanti x-xejriet sottostanti. Minħabba li s-similaritajiet fil-ġestjoni, il-politiki tas-sajd u ta' koeżjoni jiġu analizzati flimkien.

L-għadd ta' irregolaritajiet irrapportati laħaq l-ogħla livell fl-2015 u l-varjazzjonijiet sussegwenti, anki għall-ammonti finanzjarji relatati, huma b'mod ġenerali allinjati maċ-ċiklu ta' implimentazzjoni. Madankollu, ix-xejra fl-ammonti finanzjarji hija influwenzata b'mod sinifikanti minn ftit każijiet li jinvolvu ammonti finanzjarji eċċezzjonali.

L-irregolaritajiet irrapportati fl-2018 jikkonċernaw erba' PPs differenti, b'sehem kważi indaqs bejn il-PP 2007-2013 u l-PP 2014-2020. L-ammonti finanzjarji rrapportati huma ogħla b'mod sinifikanti milli kienu fis-sena ta' qabel. Din iż-żieda, fil-parti l-kbira tagħha, hija dovuta għal żewġ irregolaritajiet frodulenti identifikati mis-Slovakkja li jinvolvu somom kbar ħafna[61].

Il-PP kurrenti beda fl-2014, iżda r-rapportar tal-irregolaritajiet beda fl-2016 u żdied fl-2017 u fl-2018. Din it-tendenza titqiegħed f'perspettiva billi titqabbel mal-irregolaritajiet irrapportati fl-ewwel ħames snin tal-PP 2007-2013[62].

4.3.2.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati

B'mod ġenerali, għall-fondi u għall-perjodi kollha, l-ammonti finanzjarji medji (AFA) ta' irregolaritajiet frodulenti kienu ferm ogħla mill-AFA ta' irregolaritajiet mhux frodulenti, u dan jenfasizza t-theddida li ġġib magħha l-frodi u l-importanza tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji.

Meta jitqabblu mal-irregolaritajiet irreġistrati matul l-ewwel ħames snin tal-PP 2007-2013, in-numru ta' irregolaritajiet irrapportati bħala frodulenti u l-ammonti finanzjarji involuti kienu ogħla għall-PP 2014-2020 milli għall-PP 2007-2013.

Kien hemm żidiet sinifikanti fin-numru ta' każijiet relatati ma' dokumenti żbaljati/nieqsa jew foloz, ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku u etika u integrità. L-aktar tnaqqis sinifikanti kien jikkonċerna l-ksur relatat mal-eliġibbiltà/leġittimità tan-nefqa jew tal-miżuri u mal-ksur tad-dispożizzjonijiet/tar-regoli tal-kuntratti.

Il-"Prijoritajiet" l-aktar affettwati kienu *"Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku (RTD)"*, *"Żieda fl-adattabbiltà tal-ħaddiema u tad-ditti, tal-impriżi u tal-imprendituri"* u *"Titjib tal-aċċess għall-impjiegi u s-sostenibbiltà"*. Il-prijoritajiet *"Turiżmu"* u *"Riġenerazzjoni urbana u rurali"* kienu bbażati fuq l-FDR.

Il-proporzjon tal-frodi stabbilita kien ogħla u l-kwittanzi kienu inqas għall-miżuri ta' politika ta' koeżjoni milli għall-agrikoltura.

4.3.2.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati

Fl-ewwel ħames snin tal-implimentazzjoni tal-PP kurrenti, l-għadd ta' irregolaritajiet mhux frodulenti rrapportati huwa madwar 60% anqas mill-2014-2020.

4.4. Ġestjoni indiretta (qabel l-adeżjoni) — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati

L-analiżi tal-irregolaritajiet relatati mal-ġestjoni indiretta tiffoka fuq l-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni[63].

L-irregolaritajiet irrapportati jikkonċernaw tliet perjodi (2000-2006, 2007-2013 u 2014-2020), bil-parti l-kbira tal-irregolaritajiet irrapportati li kienu relatati mal-perjodu 2007-2013 (IPA I).

Bħal fis-snin ta' qabel, il-qasam ewlieni affettwat minn irregolaritajiet frodulenti huwa l-appoġġ tar-RD.

---

[61] Il-Kummissjoni terġa' tisħaq fuq l-impatt li ftit każijiet addizzjonali jista' jkollhom fuq tendenzi marbuta mal-ammonti finanzjarji. L-analiżi tal-AFA fl-SWD imsemmija fin-nota **Error! Bookmark not defined.** f'qiegħ il-paġna, (ii) hija maħsuba eżattament sabiex tillimita dawn l-effetti ta' distorsjoni.

[62] Il-valutazzjonijiet kollha ppreżentati f'din it-taqsima huma bbażati fuq is-sejbiet deskritti fil-Kapitolu 4 tal-SWD imsemmi fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna, punt (ii).

[63] Ara l-Kapitolu 5 tal-SWD imsemmi fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna, punt (ii).

4.5. Ġestjoni diretta — politiki, miżuri u riżultati settorjali kontra l-frodi

4.5.1. Ġestjoni diretta — statistika dwar irregolaritajiet u frodi identifikati

L-istatistiki dwar il-ġestjoni diretta huma bbażati fuq ordnijiet ta' rkupru maħruġa mid-dipartimenti tal-Kummissjoni li huma rreġistrati fis-sistema tal-kontabilità abbażi tad-dovuti (ABAC) tal-Kummissjoni.

4.5.1.1. Irregolaritajiet frodulenti identifikati

Fl-2018, 44 oġġett ta' rkupru rreġistrati fl-ABAC ġew ikklassifikati bħala frodulenti[64], li ammontaw għal EUR 6,17 miljun. Meta dawn jitqabblu mal-fondi totali realment żborżati, l-FDR kienet ta' 0,03 %, madwar il-medja stabbli ta' ħames snin.

4.5.1.2. Irregolaritajiet mhux frodulenti identifikati

Fir-rigward tal-irregolaritajiet mhux frodulenti, fl-2018 ġew irreġistrati 1 585 oġġett ta' rkupru li ammontaw għal EUR 67,6 miljun. Matul perjodu ta' ħames snin, l-IDR naqset ftit b'madwar 0,46 %.

5. Irkupru u miżuri preventivi u korrettivi oħra

Informazzjoni dettaljata dwar l-irkupri, il-korrezzjonijiet finanzjarji u miżuri preventivi u korrettivi oħra (interruzzjonijiet u sospensjoni tal-pagamenti) hija ppubblikata fir-*rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni*[65].

Irregolaritajiet li nstabu u ġew irrapportati, kif imsemmi fir-Rapport PIF, huma soġġetti għal miżuri korrettivi sabiex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE ma jintużawx sabiex jiffinanzjaw proġetti irregolari jew frodulenti. Fejn meħtieġ, il-proċeduri ta' rkupru jiġu stabbiliti u jingħataw segwitu mill-awtoritajiet nazzjonali f'konformità mal-oqfsa regolatorji nazzjonali.

6. Kooperazzjoni mal-Istati Membri

Il-Kumitat Konsultattiv għall-Koordinazzjoni tal-Prevenzjoni ta' Frodi (COCOLAF) ilaqqa' flimkien lill-Kummissjoni (OLAF) u lill-esperti tal-Istati Membri. Jipprovdi forum sabiex jiġu diskussi l-iżviluppi ewlenin fil-ġlieda kontra l-frodi u l-preparazzjoni ta' dan ir-rapport, kif jobbliga l-Artikolu 325(5) TFUE. Il-ħidma tiegħu hija strutturata madwar erba' gruppi ta' ħidma u s-sessjoni plenarja (ara l-Figure 11).

Is-sottogrupp tar-rapportar u tal-analiżi tal-COCOLAF ipprovda l-forum ideali għad-diskussjoni u għall-irfinar tal-analiżijiet ippreżentati fis-SWD dwar "l-evalwazzjoni statistika tal-irregolaritajiet".

Fi ħdan is-sottogrupp tal-prevenzjoni kontra l-frodi beda xogħol sabiex tiġi żviluppata metodoloġija għall-profili tal-pajjiżi li tiddeskrivi s-sistemi kontra l-frodi tal-Istati Membri. Din l-għodda se tibqa' tiġi żviluppata fis-snin li ġejjin.

Illustrazzjoni 11: L-istruttura u s-sottogruppi ta' COCOLAF



Is-servizzi ta' koordinazzjoni kontra l-frodi (AFCOS) jiltaqa' darba fis-sena taħt il-presidenza tal-OLAF. Fl-2018, il-laqgħa saret fis-16 ta' Ottubru. Ġew diskussi l-kooperazzjoni investigattiva tal-OLAF mal-AFCOS — b'mod partikolari waqt il-kontrolli fuq il-post — u l-iskambju ta' informazzjoni. Suġġetti oħra fl-aġenda kienu jinkludu l-kunfidenzjalità tar-rapporti finali tal-OLAF, il-kooperazzjoni prevalenti bejn l-AFCOS nazzjonali u l-programm ta' ħidma annwali ta' Hercule għall-2019.

In-Netwerk ta' Komunikaturi ta' Kontra l-Frodi tal-OLAF (OAFCN) ilaqqa' flimkien lill-uffiċjali tal-komunikazzjoni u lill-kelliema mis-sħab operazzjonali tal-OLAF fl-Istati Membri. Fl-2018, l-OLAF organizza konferenza stampa konġunta mad-dwana tal-Iżvezja dwar il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni fi prodotti industrijali u ospita eżerċizzju ta' guest posting fuq Twitter mal-AFCOS tal-Latvja sabiex jippreżenta t-2ni edizzjoni tal-kampanja b'suċċess tagħhom li ħeġġet lin-nies sabiex jgħidu le għall-frodi.

[64] Imsemmija fis-sistema bħala każijiet "innotifikati mill-OLAF".
[65] L-AMPR huwa parti mill-pakkett tar-rapportar finanzjarju integrat tal-baġit tal-UE (COM(2019)299 final/2). L-informazzjoni dwar l-irkupru fuq in-naħa tad-dħul tingħata wkoll fl-SWD imsemmi fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna, il-punt (ii).

L-Istati Membri u l-Kummissjoni qasmu l-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet ta' kontra l-frodi f'laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra l-Frodi (GAF) taħt il-Presidenzi tal-Bulgarija u tal-Awstrija.

7. SISTEMA TA' IDENTIFIKAZZJONI BIKRIJA U TA' ESKLUŻJONI (EDES)

Il-Kummissjoni Ewropea tamministra l-EDES. Sa mit-tnedija tagħha fl-2016, l-EDES laħqet il-maturità tagħha u wriet li hija għodda b'saħħitha għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE kontra operaturi ekonomiċi mhux affidabbli u frodaturi (il-penali jinkludu l-esklużjoni mill-parteċipazzjoni fil-kisba ta' fondi tal-UE). L-EDES tkopri firxa wiesgħa ta' prattiki sanzjonabbli. Hija mnissla mir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-UE rivedut fl-2018 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "FR")[66] (l-Artikoli 135 sa 145).

B'mod partikolari, l-EDES tiżgura:

- l-identifikazzjoni bikrija ta' operaturi ekonomiċi li jirrappreżentaw riskji għall-interessi finanzjarji tal-UE;
- l-esklużjoni ta' operaturi ekonomiċi mhux affidabbli milli jiksbu fondi tal-UE u/jew l-impożizzjoni ta' penali finanzjarja; u
- fl-aktar każijiet serji, il-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Kummissjoni tal-informazzjoni relatata mal-esklużjoni jew/u mal-penali finanzjarja[67].

L-EDES ittejjeb b'mod sinifikanti l-applikazzjoni tar-regoli dwar sanzjonijiet amministrattivi fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati, tal-indipendenza u tat-trasparenza. L-EDES hija wkoll waħda mis-sistemi ta' esklużjoni stabbiliti sew fost dawk ipprovduti minn diversi organizzazzjonijiet internazzjonali u banek multilaterali tal-iżvilupp.

Il-partikolarità u l-qawwa tas-sistema EDES ġejjin mis-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni Ewropea jew lil istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE sabiex jaġixxu[68] *"[f]in-nuqqas ta' sentenza finali jew, fejn applikabbli, deċiżjoni amministrattiva finali"*[69]. L-impożizzjoni ta' sanzjonijiet tista' tkun abbażi "tal-fatti stabbiliti u s-sejbiet" li jirriżultaw minn awditi, minn verifiki jew minn kontrolli mwettqa taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjal awtorizzanti kompetenti[70], minn investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF jew minn deċiżjonijiet amministrattivi mhux finali ta' awtoritajiet nazzjonali jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Id-deċiżjoni li tiġi imposta sanzjoni fuq l-operaturi ekonomiċi mhux affidabbli tista' ssir biss wara li tinkiseb rakkomandazzjoni[71] mill-Bord interistituzzjonali ċentralizzat li jistabbilixxi klassifikazzjoni preliminari fil-liġi fin-nuqqas tas-sentenza finali jew tad-deċiżjoni amministrattiva finali[72]. Dan il-Bord ma għandux setgħat investigattivi. Huwa msawwar minn President indipendenti permanenti ta' livell għoli[73], minn żewġ membri li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni bħala sid is-sistema, u minn membru wieħed *ad hoc* li jirrappreżenta lill-uffiċjal awtorizzanti tad-dipartiment li jitlob ir-rakkomandazzjoni. Il-Bord huwa responsabbli mid-dritt tad-difiża permezz ta' skambju kontradittorju mal-operatur ekonomiku kkonċernat, u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu jikkonformaw mal-prinċipju tal-proporzjonalità[74].

Fl-2018, ġew riferiti lill-Bord 6 każijiet ammissibbli permezz tas-segretarjat permanenti tiegħu minn servizzi awtorizzanti differenti, ilkoll mill-Kummissjoni Ewropea. Minbarra dawn is-6 każijiet mibgħuta lis-segretarjat tal-Bord fl-2018, f'dan ir-rapport jiżdiedu 4 każijiet imsemmija fl-2017, peress li dawn ġew ippreżentati lill-Bord fl-2018[75]. Fl-ewwel semestru tal-2019, ġew riferiti 8 każijiet.

---

66 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, ĠU L 193 tat-30.7.2018, p.1.

67 http://ec.europa.eu/budget/edes/index_en.cfm

68 Għall-implimentazzjoni rispettiva tal-baġit tagħhom.

69 Kliem użat fl-Artikolu 136 tar-RF.

70 Is-servizzi tal-awtorizzazzjoni jistgħu jkunu dawk tal-istituzzjonijiet, tal-aġenziji, tal-uffiċċji u tal-korpi tal-UE.

71 Għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 136(1)(c) sa (h) tar-Regolament Finanzjarju (jiġifieri mġiba ħażina professjonali gravi, frodi, ksur serju ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali, irregolaritajiet, ħolqien ta' kumpaniji faċċata).

72 Il-Bord imsemmi fl-Artikolu 143 tar-Regolament Finanzjarju.

73 Il-President ikollu Viċi indipendenti permanenti ta' livell għoli.

74 Aktar informazzjoni dwar il-Bord hija inkluża fl-SWD, nota 1 f'qiegħ il-paġna, il-punt (v).

75 Sal-lum, mit-52 każ li ġew riferiti lill-Bord, il-Bord ħareġ 29 rakkomandazzjoni. Għal aktar dettalji ara l-SWD, in-nota 1 f'qiegħ il-paġna, il-punt (v), u l-annessi tiegħu.

Il-Kummissjoni trid tirrapporta wkoll dwar id-deċiżjonijiet meħuda mill-uffiċjali awtorizzanti[76] inklużi:

- in-nuqqas ta' esklużjoni ta' operaturi ekonomiċi meta dan ikun indispenabbli sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz għal perjodu limitat u sakemm jiġu adottati l-miżuri rimedjali mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati;
- in-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar sanzjonijiet amministrattivi fuq is-sit web tal-Kummissjoni, jew minħabba l-ħtieġa għall-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet jew inkella minħabba l-ħarsien tal-prinċipju tal-proporzjonalità meta tkun ikkonċernata persuna fiżika; u
- kwalunkwe deċiżjoni tal-uffiċjal awtorizzanti li tiddevja mir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

Minn meta l-Bord beda l-ħidma tiegħu fl-2016, ma kien hemm l-ebda devjazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, li ġew segwiti bis-sħiħ mill-uffiċjali awtorizzanti kompetenti.

Fl-2018, is-sistema EDES ġiet awditjata mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni, liema awditu wassal għal opinjoni pożittiva dwar is-sistema stabbilita. Bħala segwitu, il-Kummissjoni intensifikat l-isforzi tagħha ta' sensibilizzazzjoni dwar l-EDES fost il-partijiet interessati interni[77] u esterni[78]. B'mod partikolari billi:

- tniedi pjan ta' komunikazzjoni u stħarriġ fost il-partijiet interessati;
- timmonitorja mill-qrib f'koperazzjoni mal-OLAF is-segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet; u
- tinkorpora l-użu tal-EDES fl-istrateġiji ta' kontra l-frodi tad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni.

8. Segwitu għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Rapport Annwali tal-2017

Fil-31 ta' Jannar 2019, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar ir-*Rapport Annwali 2017 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Ġlieda kontra l-frodi* tal-Kummissjoni[79]. Il-Kummissjoni laqgħet ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew u nnotat ir-rikonoxximent tal-Parlament tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-frodi u l-appoġġ għall-inizjattivi tagħha f'dan il-qasam, b'mod partikolari l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-proposta tal-Kummissjoni sabiex jiġi emendat ir-Regolament Nru 883/2013 dwar l-investigazzjonijiet tal-OLAF. Il-Kummissjoni se tkun tista' tagħti segwitu b'mod pożittiv għal ħafna suġġetti mqajma mill-Parlament, speċjalment l-appell għal koperazzjoni mill-qrib bejn l-OLAF u l-UPPE. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li għadhom mhumiex jieħdu sehem fl-UPPE sabiex jissieħbu u jiżguraw li l-UPPE jkollu riżorsi adegwati sabiex iwettaq il-mandat tiegħu. Il-Kummissjoni se tikkummenta fid-dettall dwar ir-riżoluzzjoni tal-Parlament fit-tweġiba formali tagħha li se tintbagħat aktar tard din is-sena[80].

9. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

9.1. Dħul

Fl-2018, il-pannelli solari kienu l-merkanzija l-aktar affettwata minn frodi u minn irregolaritajiet f'termini monetarji hekk kif kien il-każ fl-2017 u fl-2016. Il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet fuq il-post dwar l-istrateġija ta' kontroll għall-pannelli solari f'diversi Stati Membri fl-2018 minħabba r-riskji involuti (evażjoni ta' ammonti għoljin ta' dazji anti-dumping) u minħabba diversi avviżi ta' assistenza reċiproka maħruġa mill-OLAF fis-snin preċedenti. Tqajmet kuxjenza fost l-Istati Membri dwar il-vulnerabilità tal-importazzjonijiet ta' pannelli solari għal frodi u għal irregolaritajiet li wasslet għal aktar kontrolli mill-Istati Membri fl-2018. Dan tassew jenfasizza l-importanza ta' investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF u tar-rwol tiegħu ta' koordinazzjoni f'dan il-qasam partikolari.

Il-frodi tad-dħul permezz tas-sottovalutazzjoni tal-merkanzija importata fl-UE se tibqa' theddida li trid tiġi indirizzata fis-snin li ġejjin. L-investigazzjonijiet tal-OLAF dwar is-sottovalutazzjoni tat-tessuti u taż-żraben importati miċ-Ċina wrew li l-frodaturi se jużaw kwalunkwe lakuna u li l-frodi fuq skala kbira tista' trendi sew.

Id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija globali u l-mudelli ekonomiċi l-ġodda bħall-kummerċ elettroniku malajr qed jittrasformaw il-kummerċ transfruntier minn ftit vjeġġi kbar/bl-ingrossa għal numru kbir ta' vjeġġi ta' valur baxx u żgħar.

[76] *Data* pprovduta fl-SWD, in-nota 1 f'qiegħ il-paġna, il-punt (v).

[77] Id-dipartimenti tal-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u korpi tal-UE.

[78] L-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni indiretta u kondiviża tal-baġit.

[79] 2018/2152(INI).

[80] SP(2019)392.

Il-kummerċ elettroniku transfruntier tal-merkanzija jippreżenta riskji għall-interessi finanzjarji tal-UE u għall-Istati Membri. Riskju partikolari huwa l-abbuż mill-eżenzjonijiet għal kunsinni ta' valur baxx permezz ta': (i) sottovalwazzjoni ta' merkanzija tal-kummerċ elettroniku; (ii) qsim tal-kunsinni sabiex dawn ikunu jaqgħu taħt il-limitu ta' eżenzjoni (EUR 150); (iii) l-importazzjoni ta' kunsinni kummerċjali ddikjarati bħala rigali; jew (iv) l-importazzjoni ta' merkanzija mhux eliġibbli għall-eżenzjoni.

Il-kummerċ elettroniku li dejjem qiegħed jikber jirrikjedi li l-Istati Membri jadattaw l-istrateġiji tagħhom tal-kontroll doganali sabiex isibu l-bilanċ it-tajjeb bejn il-faċilitazzjoni/is-simplifikazzjoni tal-kummerċ u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Għaldaqstant, taħlita flessibbli ta' kontrolli differenti hija kruċjali sabiex titneħħa kwalunkwe lakuna sfruttata mill-frodaturi u sabiex id-dwana tkun tista' twieġeb b'suċċess għal mudelli ekonomiċi differenti applikati permezz tat-teknoloġija (bħall-kummerċ elettroniku) u sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE b'mod effettiv filwaqt li tippermetti l-faċilitazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-kummerċ.

Rakkomandazzjoni 1

L-Istati Membri huma mitluba jsaħħu u jinfurzaw l-istrateġiji ta' kontroll doganali tagħhom għall-kummerċ elettroniku transfruntier, b'mod partikolari għall-abbuż potenzjali ta' eżenzjonijiet għal kunsinni ta' valur baxx (LVCR) u sabiex jiżguraw il-ġbir xieraq tat-TOR.

Għalhekk, l-Istati Membri huma mitluba jiżguraw li:

- **is-sistemi elettroniċi tad-dikjarazzjonijiet doganali (electronic customs declation system, ECS) ma japplikawx awtomatikament eżenzjoni mitluba mid-dazju fuq merkanzija bil-valur intrinsiku ddikjarat ta' aktar minn EUR 150, fuq kunsinni kummerċjali ddikjarati bħala rigali u fuq merkanzija mhux eliġibbli għall-eżenzjoni;**
- **l-ECS jidentifikaw sistematikament merkanzija potenzjalment sottovalutata jew iddikjarata ħażin taħt l-LVCR permezz ta' profili ta' riskju jew b'mod aleatorju;**
- **ikun hemm miżuri speċifiċi ta' kontroll fis-seħħ għall-prevenzjoni tal-qsim artifiċjali tal-kunsinni, li jkollhom l-għan li jibbenefikaw mill-eżenzjoni mid-dazju; u**
- **il-kontrolli *ex post* jinkludu verifiki tal-konformità tan-negozjanti mal-eżenzjoni mid-dazju doganali għal kunsinni ta' valur baxx u li l-operaturi ekonomiċi awtorizzati (AEOs) ma jkunux esklużi minn dawn il-kontrolli ta' konformità.**

9.2. Nefqa

Is-sejbiet ewlenin tal-analiżi ta' dan ir-rapport jikkonfermaw l-aktar xejriet u konklużjonijiet sinifikanti ppreżentati fir-rapporti ta' qabel.

Dwar in-nefqa agrikola, il-miżuri ewlenin ikkonċernati huma miżuri tas-suq u investimenti taħt ir-RD. Fir-rigward tal-pagamenti diretti, jistgħu jseħħu problemi speċifiċi fil-livell lokali u jeħtieġ li dawn jiġu indirizzati b'mod korrett u minnufih mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Rigward il-politika ta' koeżjoni, ġie nnutat progress, b'mod partikolari fil-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda kontra l-frodi fir-Regolament 1303/2013 qed juru riżultati promettenti hekk kif l-identifikazzjoni tal-frodi jidher li qed titjieb, filwaqt li l-irregolaritajiet mhux frodulenti jidhru li qed jonqsu. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja dawn ir-riżultati sabiex tevalwa jekk humiex fil-fatt dovuti għal sistemi aktar effiċjenti u mhux għal sottodetezzjoni u għal sottorapportar (b'mod partikolari għa irregolaritajiet mhux frodulenti).

Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni ttenni li jkun xieraq li l-Istati Membri li għadhom ma adottawx strateġiji nazzjonali kontra l-frodi jagħmlu dan.

Dawn l-istrateġiji għandhom jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mal-korpi u mal-awtoritajiet kollha li għandhom rwol u għarfien espert speċifiċi fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, inklużi s-servizzi tal-infurzar tal-liġi u tal-prosekuzzjoni.

F'konformità ma' dak li kien rakkomandat fis-snin preċedenti, dawn l-istrateġiji għandhom iqisu:

- **il-konklużjonijiet tal-analiżi tar-riskju li jinsabu f'dan ir-rapport u f'dawk preċedenti;**
- **il-ħtieġa li tiġi strutturata l-koordinazzjoni bejn il-kontrolli u l-investigazzjonijiet amministrattivi u kriminali;**
- **kif għandhom ikunu inkorporati t-twissijiet mill-midja u mill-informaturi fis-sistema ta' kontroll; u**

- **l-opportunità sabiex jissaħħaħ l-approċċ ibbażat fuq l-analiżi tar-riskju sabiex jiġu identifikati l-irregolaritajiet u l-frodi, inkluż l-użu ta' għodod tal-IT (bħall-ARACHNE).**

9.3. Harsa lil hinn

Il-Kummissjoni, il-koleġiżlaturi u l-Istati Membri qed jirfinaw kontinwament il-qafas regolatorju li permezz tiegħu huwa protett il-baġit Ewropew. Dan ir-rapport ipprova juri dan il-proċess kontinwu u l-avvanzi ewlenin li seħħew matul tliet deċennji ta' ħidma u ta' sforzi konġunti. Matul il-Kummissjoni Juncker, dan il-proċess saħansitra kompla javvanza aktar malajr. Ġew iffinalizzati inizjattivi ewlenin u nkisbu riżultati operazzjonali, u dan juri l-isforz kontinwu sabiex jiġu indirizzati l-isfidi u r-riskji emerġenti.

Dan il-proċess qed ikompli fl-2019, hekk kif il-koleġiżlaturi jiffinalizzaw l-adozzjoni ta' inizjattivi leġiżlattivi importanti oħra li ser ikomplu jsaħħu l-qafas kontra l-frodi, jiġifieri d-direttivi dwar il-protezzjoni tal-informaturi u dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus.

Fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE fil-prattika, matul l-aħħar snin, ir-rapport annwali tal-QEA wera titjib sinifikanti b'xi oqsma ta' politika li wrew rati ta' errur taħt il-livell ta' materjalità. Għal sentejn konsekuttivi (2016 u 2017), il-Qorti tat opinjoni kwalifikata dwar il-baġit tal-UE.

Dan il-proċess irid ikompli u jista' u jrid jinkiseb aktar titjib. F'żewġ rapporti speċjali adottati fl-2019[81], il-Qorti rrikonoxxiet dawn l-avvanzi iżda identifikat ukoll oqsma fejn hemm bżonn li jsir titjib. Il-biċċa l-kbira huma sostnuti mill-konklużjonijiet ippreżentati fir-Rapporti PIF, filwaqt li xi oħrajn jappellaw għal miżuri ġodda. L-istrateġija l-ġdida kontra l-frodi (CAFS), li l-Kummissjoni adottat fid-29 ta' April 2019, tindirizza l-parti l-kbira tat-tħassib tal-Qorti, bl-għan li ssaħħaħ il-kapaċità tal-analiżi tal-Kummissjoni u l-qafas intern ta' koordinazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda li jġib miegħu ambjent li qed jinbidel kontinwament.

---

[81] SR 01/2019 Il-ġlieda kontra l-frodi fl-infiq tal-UE: jeħtieġ li tittieħed azzjoni ; u SR 06/2019 L-indirizzar tal-frodi fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni tal-UE: jeħtieġ li l-awtoritajiet maniġerjali jsaħħu l-identifikazzjoni, ir-rispons u l-koordinazzjoni.